Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

# Rapport Annwali 2005


Ħarsa Ġenerali –Tnedija ta' programm ta' ħidma ġdid

1. Il-Monitoraġġ u l-għarfien tal-bidla

2. Nesploraw x'jaħdem

3. Komunikazzjoni u qsim ta' ideat u esperjenza

4. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tagħna

5. Attivitajiet ewlenin fl-2005



Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, Ireland. - Tel: (+353 1) 204 31 00 - Fax: 282 42 09 / 282 64 56
e-mail: postmaster@eurofound.eu.int - website: www.eurofound.eu.int

# Ħarsa Ġenerali – Tnedija ta' programm ta' ħidma ġdid

L-2005 kienet l-ewwel sena tal-programm ta' ħidma ġdid tal-Fondazzjoni għal perjodu ta' erba' snin (2005–8). Il-Fondazzjoni nidiet il-programm ġdid tagħha 'Inbiddlu l-Ewropa, xogħol aħjar, ħajja aħjar' b'enerġija u b'ambizzjoni, u għaqqdet firxa ta' proġetti ta' riċerka li jkopru l-erba' temi ta' prijorità : il-ħolqien ta' aktar xogħol u xogħol ta' kwalità aħjar, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, l-appoġġ għall-parteċipazzjoni u s-sħubija, u l-bini tal-koeżjoni soċjali. Il-quċċata ntlaħqet fi tmiem is-sena bil-ħatra tad-Direttur il-ġdid tal-Fondazzjoni, Jorma Karppinen, li ħa l-kariga tiegħu f'Diċembru.

Bil-għan li tikkontribwixxi għad-dibattitu fuq livell Ewropew, il-Fondazzjoni ħejjiet kontribuzzjoni bil-miktub għall-*Green paper* tal-Kummissjoni dwar il-bidla demografika. Barraminhekk, il-Kumitat tar-Reġjuni uża l-ħila esperta tal-Fondazzjoni biex jikseb informazzjoni dwar ir-ristrutturar industrijali u l-bidla demografika, u dan bis-saħħa ta' l-istrateġija ta' kooperazzjoni li ġiet żviluppata matul l-2005. Bi tkomplija tal-prattika li nbdiet fl-2004, il-Fondazzjoni organizzat u ospitat seminar ta' skambju fi Brussell ma' l-*attachés* soċjali tar-Rappreżentanzi Permanenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-pajjiżi ta' l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati. Matul is-sena, il-kollaborazzjoni mal-Parlament imxiet `il quddiem, primarjament permezz ta' serje ta' avvenimenti u preżentazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jvarjaw mir-ristrutturar u l-immaniġġjar tal-bidla, għall-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità ta' xogħol.

Fl-2005 rajna wkoll sforzi ulterjuri biex jintlaħqu l-persuni li għandhom interess fil-ħidma tal-Fondazzjoni. Saru sitt żjarat nazzjonali – l-Awstrija, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Islovenja, Spanja u l-Iżvezja – taħt il-programm *road show Kwalità ta' Ħajja fl-Ewropa,* li kienu jinkludu diskussjonijiet bilaterali ma' rappreżentanti mill-gvern u mill-imsieħba soċjali. Dawn iż-żjarat *road show*, li jagħtuna l-opportunità li niltaqgħu mal-persuni interessati fil-ħidma tal-Fondazzjoni u li nippreżentaw ir-riċerka kurrenti tal-Fondazzjoni, ser jissoktaw fl-2006. Il-preżentazzjoni tas-sejbiet ta' l-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa kellha impatt sostanzjali fil-mezzi tax-xandir nazzjonali u Ewropej, u laħqet madwar sitt miljun ruħ permezz tal-gazzetti, ir-radju u t-televiżjoni.

Fl-2005 sar progress fil-proġett ta' stħarriġ fost il-kumpaniji dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, bl-estensjoni tal-qasam ta' riċerka għal sitta mill-Istati l-Membri l-ġodda u t-tnedija tal-fażi tal-proġett ta' rapportaġġ u analiżi. Qabel tmiem is-sena, ġiet ippreżentata lill-ġurnalisti u ppubblikata fuq l-internet ħarsa ġenerali ta' l-ewwel sejbiet tal-proġett.

Minħabba l-għadd ta' pajjiżi u l-lingwi li bihom sar l-istħarriġ, il-Fondazzjoni ddeċidiet li tqabbad espert estern dwar il-kontroll tal-kwalità biex jissorvelja l-proġett u jagħti gwida matul iċ-ċiklu ta' ħajja tiegħu. B'dan il-mod ġie żgurat illi l-proġett isir skond l-aħjar prattika fi stħarriġ soċjali internazzjonali.

Matul l-2005, il-Fondazzjoni kompliet tagħmel aktar effiċjenti l-proċess ta' pubblikazzjoni tagħha, bil-għan li tipproduċi riżultati ta' riċerka preċiżi u fil-ħin li jistgħu jkunu sors ta' tagħrif għad-dibattitu pubbliku u għat-tfassil tal-politika, kemm fuq livell ta' l-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali. Ġew ippubblikati għadd ta' pubblikazzjonijiet importanti matul l-2004, inkluż il-*European industrial relations dictionary* (Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej) li jinkludi 300 terminu b'kontroreferenzi dwar il-politika ta' l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali, kif ukoll id-dejtabejż EurLIFE, li tipprovdi aċċess faċli għal indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fl-Ewropa. Fil-programm ta' pubblikazzjonijiet tagħha, il-Fondazzjoni pproduċiet 178 pubblikazzjoni, li jirrappreżentaw żieda ta' 10% fuq l-ammont ta' ħarġiet fl-2004. Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-istħarriġ ta' l-utenti, fl-2005il-Fondazzjoni ddisinnjat mill-ġdid il-websajt prinċipali tagħha Eurofound, u hekk tejbet il-funzjoni ta' tfittxija u l-għodda ta' navigazzjoni. Il-websajt hija l-mezz ewlieni tal-Fondazzjoni għall-pubblikazzjoni tar-riċerka u s-sejbiet tagħha, u l-aġġornament tas-sit irriżulta f'żieda notevoli fin-numru totali ta' sessjonijiet ta' użu tas-sit.

F'Ottubru, il-Fondazzjoni ppubblikat l-ewwel ħarġa tar-rivista ġdida tagħha, *Foundation Focus,* dwar is-suġġett tar-ristrutturar industrijali. Huwa ppjanat li kull ħarġa tkun iddedikata għal suġġett soċjali u ekonomiku ta' importanza kritika għall-Unjoni Ewropea, b'serje ta' artikli dwar aspetti differenti tas-suġġett. L-għan ġenerali hu li jingħata kontribut għad-dibattitu, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali, dwar il-kwistjonijet importanti li jsawru l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol fl-Ewropa.

Il-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni għadda minn għadd ta' bidliet fl-2005, li ġew iddokumentati f'regolament tal-Kunsill li jaġġorna u jemenda r-regolament oriġinali tal-Fondazzjoni (KEE) 1365/75. Iddaħħlet fis-seħħ ġabra ġdida ta' regoli governattivi, primarjament biex jiġi akkomodat id-daqs tal-korp ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Fondazzjoni wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Waqt li nżammet l-istruttura tripartita, dak li qabel kien jissejjaħ il-Bord Amministrattiv issa qed jissejjaħ il-Bord Governattiv u ser jibda jiltaqa' biss darba fis-sena, minbarra l-laqgħat annwali tal-grupp. Barra dan, il-*Bureau* assuma setgħat akbar ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Bħala indikatur pożittiv ta' kemm kienet effettiva l-Fondazzjoni fil-ġestjoni tal-ħidma tagħha matul l-2005, hija nefqet 100% tal-baġit tagħha matul is-sena, bħal ma seħħ fl-2004.

Fl-2005, il-Fondazzjoni intensifikat l-isforzi tagħha biex iddaħħal fis-seħħ metodoloġija ġdida għar-rapportaġġ u l-analiżi ta' informazzjoni fl-oqsma tal-kwalità tax-xogħol u l-impjieg, ir-relazzjonijiet industrijali u r-ristrutturar. In-netwerk ġdida ta' riċerkaturi, li tkopri 30 pajjiż fl-Ewropa, ser tipprovdi informazzjoni u aħbarijiet lit-tliet għodda ta' monitoraġġ tal-Fondazzjoni: l-Osservatorju Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO), l-Osservatorju Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO), u ċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Ristrutturar (ERM). Dan il-mod ristrutturat ta' ħidma, li ser jidħol fis-seħħ f'Marzu ta' l-2006, għandu l-għan li jikseb sinerġija akbar bejn is-sezzjonijiet kollha tal-Fondazzjoni sabiex jiġi evitat xogħol doppju fil-proċessi u l-kontenut, li bħalissa jeżisti bejn in-netwerks separati. Dan tqies ukoll bħala mezz sabiex jiġu sodisfatti b'mod aktar effiċjenti l-esiġenżi u d-daqs dejjem akbar tal-klijentela tal-Fondazzjoni fil-perjodu ta' wara t-tkabbir. In-netwerk il-ġdid ser ikollu rwol ukoll biex jintlaħaq dibattitu dwar il-politika nazzjonali u biex jingħata appoġġ għat-tixrid ta' l-għarfien tal-Fondazzjoni lill-pubbliku ġenerali.

It-tieni fażi tal-programm ta' żvilupp ta' riżorsi umani, li huwa mfassal biex tinkiseb strateġija aktar parteċipattiva u trasparenti għall-immaniġġjar tal-prestazzjoni, iddaħħlet fis-seħħ matul is-sena. L-objettiv ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu offruti opportunitajiet akbar għall-personal tal-Fondazzjoni u biex jiġi żgurat l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tagħhom. Matul is-sena, il-Fondazzjoni implimentat ukoll ir-Regolamenti tal-Personal tal-Komunitajiet Ewropej li għadhom kif ġew emendati, sabiex iġġib id-drittijiet u d-dmirijiet tal-personal tagħha konformi ma' dawk ta' l-istituzzjonijiet oħrajn ta' l-UE.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# Il-monitoraġġ u l-għarfien tal-bidla 1

L-ewwel wieħed mit-tliet għanijiet tal-Fondazzjoni li jinsabu mniżżla fil-programm ta' ħidma ġdid tagħha għall-2005–8 hu l-monitoraġġ u l-għarfien tal-bidla. Il-bidla tiġi osservata permezz tan-netwerks ta' informazzjoni li l-Fondazzjoni għandha madwar l-Ewropa kollha, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mibgħuta minn korrispondenti mill-Istati Membri, u permezz ta' stħarriġiet pan-Ewropej iddettaljati li hija tagħmel. In-netwerks jiġbru dejta nazzjonali kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi ta' l-adeżjoni u dawk kandidati; l-istħarriġiet jipprovdu dejta għal analiżi mill-25 Stat Membru u minn għadd ta' pajjiżi oħrajn dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati ma' l-erba' temi ewlenin tal-Fondazzjoni. Informazzjoni supplimentari hija pprovduta minn żewġ sorsi oħrajn: EurLIFE, dejtabejż li tinsab onlajn li toffri informazzjoni statistika dwar il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, u glossarju ta' termini li jinsab onlajn, il-*European industrial relations dictionary* (Dizzjunarju dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej).

## Netwerks

It-tliet netwerks – l-Osservatorju Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO), iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Ristrutturar (ERM) u l-Osservatorju Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol – huma ċentrali fl-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Fondazzjoni. Ir-rapportaġġ u l-analiżi tagħhom, li huma bbażati fuq l-internet, ikomplu jipprovdu riżors ta' informazzjoni utli, topika u affidabbli għall-udjenza mmirata mill-Fondazzjoni. Fost l-avvenimenti importanti fl-2005 għan-netwerks kollha nsibu l-espansjoni tal-firxa tagħhom permezz tat-tħaddin ta' aktar pajjiżi, u t-tħejjijiet għan-netwerk ġdida ta' informazzjoni kkonsolidata li ser tibda topera f'Marzu ta' l-2006.

### Osservatorju Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali

L-EIRO daħal fit-tmien sena ta' ħidma tiegħu fl-2005, hekk kif id-dejtabejż li tinsab onlajn tkompli tipprovdi sors ewlieni ta' aħbarijiet u analiżi għall-udjenza mmirata tiegħu – l-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, u korpi Ewropej oħrajn. L-użu tad-dejtabejż ta' l-EIRO baqa' fuq livell għoli matul l-2005, hekk kif in-numru medju ta' sessjonijiet ta' użu fix-xahar żdied minn 176,088 fl-2004 għal 195,554 fl-2005 – żieda ta' 11%.

Ir-rapport *Żviluppi fir-relazzjonijiet industrijali fl-2004* ġie ppubblikat konġuntament mal-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali kumparattiva lejn l-avvenimenti u l-kwistjonijiet l-aktar sinifikanti ta' matul is-sena f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet industrijali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell ta' l-UE. Dan jiddeskrivi l-attivitajiet ewlenin tad-djalogu soċjali Ewropew u l-leġiżlazzjoni u l-politika tax-xogħol, u jeżamina l-kwistjonijiet ewlenin li jaqgħu taħt in-negozjar kollettiv: pagi, ħinijiet tax-xogħol, sigurtà tax-xogħol, opportunitajiet indaqs u taħriġ. Ġew ippubblikati onlajn tmien studji kumparattivi u sitt *features* tematiċi, kif ukoll aġġornamenti kumparattivi dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pagi fl-Ewropa kollha.

Fil-bidu ta' l-2005, il-websajt ta' l-EIRO kien soġġett għal stħarriġ fost dawk li jużawh, reviżjoni mill-esperti tal-web u testijiet dwar il-faċilità ta' l-użu tiegħu. Ir-riżultati ta' l-istħarriġ fost dawk li jużawh kienu ġeneralment pożittivi, billi l-informazzjoni li tinsab fuq il-websajt ġiet ikklassifikata bħala ta' livell għoli minn dawk li jużawh, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-utilità u l-affidabilità tagħha. Dawk li wieġbu għall-istħarriġ irrimarkaw illi l-funzjoni ta' tfittxija għandha tiġi mtejba, u din il-funzjonalità mtejba issa qed tiġi implimentata.

L-għan tar-reviżjoni mill-esperti tal-web kien li jinkiseb għarfien dwar il-livell ta' effiċjenza tas-servizz li l-EIRO joffri lill-udjenza ewlenija tiegħu. Bħala parti minn dan il-proċess, rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali, gvernijiet, istituzzjonijiet ta' l-UE, esperti, u organizzazzjonijiet internazzjonali ġew mistiedna għal laqgħa ta' grupp fokali li saret f'Lulju fi Brussell. Il-grupp iddiskuta fid-dettall il-kwalità tas-servizz ta' l-EIRO lill-udjenza ewlenija tiegħu, kif dak is-servizz jista' jiġi mtejjeb, kif għandha tittejjeb il-kwalità ta' l-artikli u l-istudji, u sfidi oħrajn tal-preżent u tal-ġejjieni.

## Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Ristrutturar

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Ristrutturar (ERM) daħal fir-raba' sena tal-ħidma tiegħu fl-2005. L-ERM għandu l-għan li jagħti stampa ta' kemm qed iseħħ ristrutturar fil-kumpaniji Ewropej u kemm qed jintilfu jew jinħolqu postijiet tax-xogħol b'riżultat ta' dan. Huwa jipprovdi informazzjoni dwar każijiet individwali ta' ristrutturar u jippermetti l-ġbir ta' statistika li tqabbel pajjiżi, setturi u tipi ta' ristrutturar. Il-korrispondenti josservaw kuljum l-istampa nazzjonali għal rapporti dwar ir-ristrutturar ta' kumpaniji. Fl-2004 l-ERM kien ikopri biss 18–il pajjiż: fl-2005, il-firxa ta' l-ERM ġiet estiża għall-25 Stat Membru u l-pajjiżi ta' l-adeżjoni, ir-Rumanija u l-Bulgarija.

Fi tmiem l-2005, id-dejtabejż ta' l-ERM kien fiha informazzjoni dwar 3,781 każ ta' ristrutturar, li minnhom 1,555 ġew miżjuda matul dik is-sena. Sejba interessanti kienet illi 40% tal-każijiet irreġistrati kienu ta' espansjoni ta' negozju, li wasslu għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ġodda. Fl-2004, kien hemm inqas minn 20% tal-każijiet taħt din il-kategorija. Madanakollu, fl-2005 ġie mħabbar it-telf ta' aktar minn 520,000 post tax-xogħol b'riżultat ta' attivitajiet ta' ristrutturar, waqt li nħolqu 370,000 post tax-xogħol ġdid. Matul is-sena ġew ippubblikati erba' ħarġiet ta' l-*ERM quarterly*: dan il-ġurnal onlajn janalizza t-tendenzi osservati għal setturi speċifiċi u jiffoka f'kull ħarġa fuq l-attivitajiet ta' ristrutturar f'pajjiż speċifiku u f'żewġ kumpaniji.

Minħabba n-natura tal-metodoloġija użata, iċ-ċifri pprovduti mill-ERM jirriflettu tendenzi ġenerali u mhux rendikont sħiħ u preċiż ta' l-attivitajiet ta' ristrutturar fil-kumpaniji Ewropej. Il-ġbir ta' dejta għandu tendenza naturali li jxaqleb lejn kumpaniji multinazzjonali kbar, billi l-attivitajiet ta' intrapriżi żgħar u ċkejknin m'humiex inklużi. Barraminhekk, billi jiġu rreġistrati biss l-avviżi mħabbra mill-kumpaniji u mhux it-telf attwali ta' xogħlijiet, huwa inevitabbli li jkun hemm nuqqasijiet fl-informazzjoni, billi jista' jagħti l-każ illi kumpanija ma twettaqx il-pjan imħabbar wara negozjati ma' l-impjegati u mat-trejdjunjins. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) qed jippjana li jesplora metodi sabiex tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas, permezz ta' dejta statistika u amministrattiva għall-verifika tas-sejbiet ta' l-ERM.

## Osservatorju Ewropew għall-Kondizzjonijiet tax-Xogħol

L-Osservatorju Ewropew għall-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) daħal fit-tieni sena tal-ħidma tiegħu fl-2005. L-EWCO huwa essenzjalment riżors ta' informazzjoni bbażat fuq il-web li jkopri suġġetti relatati mal-kwalità tax-xogħol u l-impjieg fl-Ewropa. In-netwerk ta' korrispondenti nazzjonali tiegħu twassal provvista regolari ta' aħbarijiet u rapporti ta' dejta minn stħarriġ nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll analiżi kumparattiva ta' temi magħżula. Fl-2005, in-netwerk ġie estiż u issa jinkludi erba' korrispondenti ġodda mill-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Renju Unit u r-Rumanija, sabiex b'hekk hemm sittax–il korrispondent nazzjonali u korrispondent wieħed fuq livell ta' l-UE.

Fl-2005, l-EWCO ippubblika rapporti dwar suġġetti speċifiċi mħejjija konġuntament mill-korrispondenti. Is-suġġetti inkludew l-istress relatat max-xogħol, il-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol *full-time,* u l-impatt tat-taħriġ fuq l-impjegabilità. L-EWCO ppubblika wkoll tnax–il rapport ta' dejta minn stħarriġiet nazzjonali ġodda. Dawn ir-rapporti, li huma bbażati fuq sorsi ta' stħarriġ nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol, jipprovdu dejta li tikkumplimenta d-dejta ta' stħarriġ tal-Fondazzjoni stess fuq livell ta' l-UE. Dawn jipprovdu wkoll kontribut metodoloġiku siewi għal kwestjonarji futuri taħt l-Istħarriġ tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa. Fl-2005 l-EWCO ppubblika wkoll ir-*Reviżjoni Annwali tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-UE: 2004–2005*, li wera l-iżviluppi leġiżlattivi u politiċi relevanti, u eżamina tendenzi fuq il-post tax-xogħol.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

## Stħarriġiet

It-tliet stħarriġiet kumparattivi fuq skala kbira tal-Fondazzjoni – l-Istħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa, l-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa (EQLS), u l-Istħarriġ tal-Kumpaniji dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn xogħol u ħajja – għandhom l-għan li jidentifikaw il-kwistjonijiet u x-xejriet ewlenin fil-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini Ewropej. Fil-perjodu ta' wara t-tkabbir, il-firxa ta' l-istħarriġ ġiet mwessa' biex issa tinkludi lill-Istati Membri l-ġodda kif ukoll lill-pajjiżi kandidati u ta' l-adeżjoni. Fl-2005, sar il-*fieldwork* għar-Raba' Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa, kompliet l-analiżi tar-riżultati ta' l-Ewwel Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa, waqt li l-*fieldwork* għall-Ewwel Stħarriġ tal-Kumpaniji ġie mwessa' biex issa jinkludi sitt Stati Membri ġodda oħra.

### Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa

Il-*fieldwork* għar-raba' Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa sar f'Settembru-Novembru 2005; ir-riżultati preliminari huma mistennija fit-tieni trimestru ta' l-2006. Kollox ma' kollox, ħadu sehem 31 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha ta' l-UE25, u ġew intervistati individwalment 29,648 ħaddiem Ewropew.

Dan ir-raba' stħarriġ, li kien diġà sar fl-1990, fl-1995 u fis-sena 2000, ser jipprovdi stampa siewja tad-dinja tax-xogħol Ewropea fl-2005, u ser jindika n-natura tal-bidliet li qed jaffettwaw lill-forza tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom matul dawn l-aħħar 15–il sena. L-istħarriġ huwa l-uniku sors ta' dejta armonizzata dwar bosta indikaturi importanti tal-ħajja tax-xogħol għal dawk li jfasslu l-politika. Huwa jikkumpensa għan-nuqqas ta' dejta fuq livell nazzjonali f'ħafna pajjiżi u joħloq bażi għal tqabbil internazzjonali.

L-oqsma ewlenin indirizzati mill-kwestjonarju tar-raba' stħarriġ huma fil-biċċa l-kbira tagħhom l-istess bħal fl-istħarriġiet li saru qabel: ikopru suġġetti bħall-ħinijiet tax-xogħol, ir-riskji psikosoċjali li jirriżultaw mix-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol. Il-Fondazzjoni issa ġabret serje ta' dejta unika bil-ħin fuq livell Ewropew, nazzjonali u settorjali dwar dawn is-suġġetti. F'ċerti oqsma, il-firxa ta' l-istħarriġ ġiet imwessa' biex tinkludi mistoqsijiet dwar il-post tax-xogħol, dwar kemm isir xogħol barra s-sigħat tax-xogħol u s-sinifikat u s-sodisfazzjon miksuba mix-xogħol. Bl-istess mod, ġew immodifikati jew imwessa' mistoqsijiet eżistenti dwar l-użu tat-teknoloġija fuq ix-xogħol u dwar taħriġ relatat max-xogħol, sabiex tiġi riflessa l-importanza dejjem tikber ta' dawn il-kwistjonijiet fil-ħajja ta' ħafna ħaddiema. Dawn ir-reviżjonijiet tal-kwestjonarju, kif ukoll il-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità mdaħħla fis-seħħ għall-fażijiet tat-tfassil ta' l-istħarriġ, l-implimentazzjoni u l-ipproċessar tad-dejta, għandhom joħolqu ġabra ta' dejta aktar mżewqa u bażi aktar robusta għall-analiżi fil-futur tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa.

L-istħarriġ kellu impatt konsiderevoli matul il-ħmistax–il sena ta' l-operat tiegħu. Waħda mill-indikazzjonijiet tal-profil għoli tiegħu hija l-parteċipazzjoni ta' żewġ pajjiżi li m'humiex membri ta' l-UE – in-Norveġja u l-Iżvizzera – li jħallsu minn buthom biex jipparteċipaw. Indikazzjoni oħra hi l-ammont ta' drabi li d-dejta ta' l-istħarriġ tiġi kkwotata f'pubblikazzjonijiet ta' riċerka u ta' politika, waqt li indikazzjoni ulterjuri hi l-għadd ta' rikjesti għal ġabriet ta' dejta ta' l-istħarriġ (aktar minn 300 rikjesta sa mill-2002) minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet Ewropej, il-gvernijiet ta' l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali, l-OECD u l-ILO.

L-għanijiet aħħarin ta' l-istħarriġ huwa li jipprovdi stampa preċiża tad-dinja tax-xogħol fl-Ewropa fl-2005, li jipprovdi dejta affidabbli bħala bażi ta' tagħrif għat-tfassil tal-politika fuq livell Ewropew, u li jgħin lill-Unjoni Ewropea biex twettaq l-impenn tagħha li tipprovdi 'aktar xogħlijiet u xogħlijiet aħjar'. Ir-rapportaġġ tar-riżultati tar-raba' stħarriġ ser jibda fl-2006. Is-sejbiet għandhom il-potenzjal li jagħtu kontribut sostanzjali biex jinfluwenzaw id-dibattitu dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja.

## Stħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa

L-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa (EQLS) sar għall-ewwel darba fl-2003, u jkopri 28 pajjiż (25 Stat Membru u tliet pajjiżi kandidati). Dan jeżamina firxa ta' suġġetti: l-impjieg, id-dħul, l-edukazzjoni, id-djar, il-familja, is-saħħa, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, is-sodisfazzjon tal-ħajja u l-perċezzjoni tal-kwalità tas-soċjetà. Matul l-2005 ġiet ippubblikata serje ta' analiżi profonda tad-dejta li nġabret mill-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa permezz ta' serje ta' rapporti li jindirizzaw tliet suġġetti: l-inugwaljanzi fid-dħul u d-depravazzjoni; il-familji, ix-xogħol u n-netwerks soċjali, il-kuntentizza u s-sens ta' appartenenza. Ir-raba' rapport, li jħares lejn id-djar u l-ambjent lokali, ser jiġi ppubblikat fl-2006.

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ ġew ikkomunikati permezz ta' preżentazzjonijiet f'avvenimenti nazzjonali u internazzjonali, bħal per eżempju l-preżentazzjoni ta' dokument bl-isem 'Bidliet demografiċi fl-Ewropa: l-implikazzjonijiet għall-politika dwar il-familja' f'laqgħa tal-kumitat espert tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-tfal u l-familji li saret f'Mejju. F'Marzu, ir-riżultati ta' l-istħarriġ dwar kwistjonijiet relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja ġew ippreżentati f'konferenza internazzjonali organizzata minn CBAF fid-Danimarka, iċ-ċentru għall-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. F'Novembru, ir-riżultati ta' l-istħarriġ dwar kwistjonijiet ta' inugwaljanzi fid-dħul u d-deprivazzjoni ġew ippreżentati f'konferenza dwar 'Il-Futur tal-Mudell Soċjali Ewropew: Perspettiva Ġermaniża', organizzata mill-Ministeru Ġermaniż għall-Familji, l-Anzjani, in-Nisa u ż-Żgħażagħ.

F'Diċembru, il-WZB (Ċentru ta' Riċerka dwar ix-Xjenza Soċjali f'Berlin), f'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni, organizza konferenza xjentifika li rrevediet artikli bbażati fuq dejta ta' l-EQLS. Wara din il-konferenza, ser jiġu ppubblikati volum ta' dokumenti xjentifiċi li jindirizzaw kwistjonijiet tal-kwalità tal-ħajja.

Ir-*road show* tal-Fondazzjoni dwar il-Kwalità tal-Ħajja żaret sitt ibliet kapitali matul is-sena: Vjenna, Budapest, Madrid, Ljubljana, Dublinu u Stokkolma. L-analiżi ta' l-Ewwel Stħarriġ tal-Kwalità tal-Ħajja ser tkun kompluta bil-pubblikazzjoni matul l-2005 ta' serje ta' erba' analiżi ddettaljati oħra tad-dejta ta' l-istħarriġ.

Bħalissa, id-dejta ta' l-istħarriġ qed tintuża għal rapport dwar il-kwalità tal-ħajja fil-Bulgarija u fir-Rumanija, u l-ewwel rapport mill-istħarriġ Norveġiż (li sar fin-Norveġja matul l-2004 permezz tal-kwestjonarju tal-Fondazzjoni) ser jiffoka b'mod partikolari fuq il-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'diżabilità fl-Ewropa.

## Stħarriġ tal-kumpaniji dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja

Il-*fieldwork* għall-ewwel stħarriġ tal-Fondazzjoni dwar il-linji politiċi tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja sar fi stabbilimenti f'dik li kienet l-UE15 fl-2005. Fl-2005, meta l-fondi saru disponibbli, il-Fondazzjoni estendiet il-*fieldwork* għal sitta mill-Istati Membri li daħlu fl-2004: Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja u l-Islovenja. L-istħarriġ jikkumplimenta d-dejta u r-riċerka eżistenti tal-Fondazzjoni dwar il-ħinijiet tax-xogħol, li ffukaw l-aktar fuq ħaddiema individwali. Il-fażi ta' rapportaġġ u ta' analiżi seħħet matul l-2005, hekk kif xi wħud mill-ewwel riżultati 'ewlenin' ġew ippubikati fi tmiem is-sena.

Il-metodoloġija għat-tieni fażi – sitt Stati Membri ġodda – kienet l-istess bħal dik użata għall-ewwel fażi. L-unità magħżula għall-inkjesta kienet l-istabbiliment (is-sit lokali): l-istħarriġ kopra l-ekonomija kollha bl-eċċezzjoni tas-settur agrikolu, u kien rappreżentattiv għall-istabbilimenti kollha b'10 impjegati jew aktar; barraminhekk, il-kampjun ġie stratifikat skond id-daqs ta' l-istabbiliment u s-settur ekonomiku wiesa'.

L-isħarriġ iffoka fuq arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol li jistgħu jgħinu lill-ħaddiema b'mod sinifikanti biex jiksbu bilanċ sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-ħajja. Dawn l-arranġamenti jinkludu xogħol *part-time*; sigħat estiżi ta' l-operat; arranġamenti flesibbli tal-ħinijiet tax-xogħol, inklużi kontijiet tal-ħinijiet tax-xogħol; sahra; lijf sabiex jieħdu ħsieb it-tfal; irtirar f'fażijiet u irtirar kmieni; u miżuri biex jiġi ffaċilitat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

Dawk li wieġbu kienu maniġers f'karigi għoljin responsabbli għall-personal u rappreżentanti indipendenti ta' l-impjegati. B'kollox, ġew intervistati aktar minn 21,000 stabbiliment permezz tat-telefon: f'25% ta' dawn l-istabbilimenti ġie intervistat ukoll rappreżentant tal-ħaddiema. Għas-sitt pajjiżi li ġew mistħarrġa fl-2005, ġew miżjuda żewġ mistoqsijiet addizzjonali dwar l-isfond: jekk is-sidien ta' l-istabbiliment humiex domestiċi jew barranin, u jekk l-istabbiliment ġiex stabbilit fil-perjodu ta' tranżizzjoni lejn l-ekonomija tas-suq.

Fuq il-bażi tal-ġabra ta' dejta integrata (għall-21 pajjiż li huma), ir-rapportaġġ u l-analiżi bdew fl-2005, u l-ewwel rapport deskrittiv li jagħti ħarsa ġenerali għandu jiġi ppubblikat fl-2006. Dan ser jiġi segwit minn serje ta' rapporti aktar iddettaljati dwar arranġamenti speċifiċi (xogħol *part-time*, ħinijiet estiżi ta' l-operat, lijf biex jieħdu ħsieb it-tfal, irtirar kmieni u f'fażijiet), li ser janalizzaw id-dejta ta' l-istħarriġ u jpoġġuhom f'kuntest bl-użu ta' riċerka oħra relevanti. Dawn ir-rapporti huma mistennija li jkunu disponibbli fit-tieni nofs ta' l-2006.

### L-istħarriġ tal-Eurobarometer fuq l-impjiegi u l-mobilità

Fl-2005 tkompliet il-kollaborazzjoni mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjieg, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs biex jiġu analizzati u ppubblikati r-riżultati ta' l-istħarriġ Eurobarometer fuq temi ta' interess għall-Fondazzjoni: per eżempju, l-ICT fuq ix-xogħol, il-kapital soċjali, u l-użu tal-ħin fuq il-ħajja tax-xogħol. Il-Fondazzjoni qed tagħmel analiżi tad-dejta ta' l-istħarriġ Eurobarometer fuq l-impieg u l-mobilità reġjonali, wara li kienet involuta fit-tfassil tal-kwestjonarju. Dan fih madwar 50 mistoqsija u huwa bbażat fuq intervisti wiċċ imb'wiċċ f'kull 25 Stat Membru. Il-ġabra ta' dejta tinkludi madwar 23,000 intervista. Ir-rapporti li rriżultaw minn dan il-proġett ser jappoġġaw kemm is-Sena Ewropea tal-Mobilità tal-Ħaddiema 2006 u l-preparazzjoni tas-sezzjoni fuq id-dimensjoni soċjali tal-mobilità għaċ-ċittadini kollha fir-Rapport tas-Sitwazzjoni Soċjali 2007 tal-Kummissjoni. Barraminhekk, ir-rapporti sejrin jassistu lill-Fondazzjoni biex tmexxi riċerka aktar fid-dettall fuq il-mobilità li għandha x'taqsam ma' l-impjieg u mal-professjoni u fuq il-moviment ta' l-impjegati bejn reġjuni u pajjiżi differenti. L-għan huwa li:

- Tipprovdi deskrizzjoni fil-fond tal-mobilità ġeografika u tas-suq tax-xogħol fl-Ewropa;
- Tipprovdi analiżi ta' l-inċentivi u l-ostakli tal mobilità fl-Ewropa;
- Tidentifika l-effetti soċjali u ekonomiċi tal-mudelli tal-mobilità fl-Ewropa.

### EurLIFE

EurLIFE, id-dejtabejż tal-Fondazzjoni bi statistiċi ta' l-indikaturi tal-kwalità tal-ħajja, bdiet f'Ġunju ta' l-2005, u tirrigwarda il-25 Stat Membru ta' l-UE flimkien mal-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija. Din toffri l-aħjar dejta li tinsab attwalment disponibbli minn sorsi ppubblikati ta' l-UE u mill-istħarriġ stess li sar mill-Fondazzjoni fir-rigward ta' iktar minn 120 indikatur soċjali fi 12–il qasam li jiffurmaw parti mill-kwalità tal-ħajja: l-edukazzjoni, l-impjieg, l-ambjent, il-familja, is-saħħa, id-dar, is-sodisfazzjon bil-ħajja, id-divertiment, id-depravazzjoni mid-dħul finanzjarju, is-sigurezza, il-parteċipazzjoni soċjali u t-trasport. Dan l-istrument il-ġdid jagħti ċans lill-utenti sabiex joħloq grafiċi u tabelli għall-bżonnijiet individwali u b'dan il-mod jikkontribwixxi għall-iskedar ta' xejriet u żviluppi fil-kwalità tal-ħajja ta' l-Ewropej.

**http://www.eurofound.eu.int/areas/qualityoflife/eurlife/index.php**

**Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej**
Imfassal bħala strument onlajn u faċli sabiex jintuża, id-Dizzjunarju tar-RelazzjonijietIndustrijali Ewropej jikkonsisti f'ġabra sħiħa tat-termini l-aktar użati fil-qasam ta' l-impjieg u r-relazzjonijet industrijali fuq livell Ewropew. Dan jinkludi kważi 300 entrata mniżżla b'mod alfabetiku; dawn jinkludu definizzjonijiet u informazzjoni kuntestwali, kif ukoll links mal-każijiet u dokumenti legali ta' l-UE. Id-definizzjonijiet ġew aġġornati sabiex jinkludu l-aħħar żviluppi politiċi u istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea – per eżempju, it-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Id-Dizzjunarju jagħti idea tajba u ta' valur f'dik li hija t-teorija u l-prattika tar-relazzjonijiet industrijali ewropej; tali idea hija intiża sabiex jibbenefikaw minnha membri tat-trejdunjins u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, uffiċjali minn amministrazzjonijiet nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali u riċerkaturi.

L-Imsieħba soċjali diġà laqgħu d-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej bħala strument importanti u siewi għall-għarfien ta' relazzjonijiet industrijali f'kuntest ewropew speċifiku. Il-kummenti inizjali min-naħa ta' l-utenti rigward l-iskop, il-kwalità u l-aċċessibilità ta' l-informazzjoni huma pożittivi.

L-Aġent Direttur tal-Fondazzjoni Willy Buschak wera d-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej fit-30 ta' Novembru 2005, fil-preżenza tal-Kummissarju Špidla u d-Direttur futur Jorma Karppinen. Magħmul bl-Ingliż, id-Dizzjunarju huwa disponibbli onlajn u mingħajr ħlas, u se jiġi aġġornat b'mod regolari.

**http://www.eurofound.eu.int/areas/industrialrelations/dictionary/index.htm**

## Taħt il-lenti

### Stħarriġ ta' kontroll tal-kwalità

It-tmexxija ta' stħarriġ internazzjonali f'numru kbir ta'pajjiżi u b'aktar minn tletin lingwa differenti, jew varjanti tal-lingwa, tippreżenta sfidi loġistiċi u organizzattivi partikolari. Sa mill-bidu tal-proġett, il-Fondazzjoni mmirat li l-Istħarriġ fuq il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa 2005 ikun konformi ma' l-aħjar prattika fir-riċerka soċjali internazzjonali.

Għaldaqstant, il-Fondazzjoni ikkuntrattat espert estern tal-kontroll tal-kwalità biex joħloq qafas ta' ċertezza ta' kwalità. L-informazzjoni ta' l-espert inkludiet ukoll l-għoti ta' gwida kontinwa f'kull fażi tal-proġett, mit-tfassil ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u l-ġbir tad-dejta, sa l-aħħar editjar u tindif tad-dejta. Elementi speċifiċi ddisinjati biex jaffettwaw il-kwalità ta' kontroll fl-istħarriġ huma ddokumentati hawn taħt.

#### *Tfassil tal-kwestjonarju*

Tim ta' esperti fuq kundizzjonijiet ta' xogħol nazzjonali mill-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE u mill-istituzzjonijiet ta' l-UE u internazzjonali (Eurostat, il-Kummissjoni Ewropea, OECD, ILO) ikkontribwew għall-iżvilupp tal-kwestjonarju ta' dan l-istħarriġ. Matul l-2004–5 saru serje ta' erba' laqgħat ta' l-esperti li rriżultaw fi twessigħ ta' l-iskop tal-kwestjonarju biex jinkludi suġġetti bħall-allokazzjoni tax-xogħol, l-estensjoni ta' l-ingaġġ ta' l-impjegati fix-xogħol u l-użu tal-posta elettronika u l-Internet relatati max-xogħol. Il-laqgħat irrevedew ukoll is-sensittività tal-kwestjonarju fuq bażi ta' sess.

#### *Traduzzjoni tal-kwestjonarju*

Sabiex jiġu identifikati u solvuti l-problemi potenzjali lingwistiċi, il-kwestjonarju ġie suġġett għal żewġ proċessi separati ta' traduzzjoni: it-traduzzjoni inizjali mill-verżjoni oriġinali bl-Ingliż għal-lingwi individwali u traduzzjoni independenti b'lura għall-Ingliż. Esperti nazzjonali involuti fl-iżvilupp tal-kwestjonarju mbagħad irrevedew it-traduzzjonijiet finali. Biex jiffaċilitaw il-proċess tat-traduzzjoni, l-impjegati tal-Fondazzjoni żviluppaw glossarju ddetaljat tat-terminoloġija tal-kundizzjonijiet tax-xogħol użati fil-kwestjonarju.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

### *Sistema ta' ġestjoni tal-proġett*

Biex tiġi żgurata trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess, il-kuntrattur prinċipali tad-dejta ospita sistema diretta ta' ġestjoni tal-proġett ta' l-istħarriġ ibbażżata fuq il-websajt, li nkludiet sistema ta' traduzzjoni tal-kwestjonarju. Dan fisser li l-impjegati tal-Fondazzjoni il-ħin kollu kellhom aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-proġett fil-fażijiet ta' l-iżvilupp u ta' l-implimentazzjoni.

### *Dokumentazzjoni u monitoraġġ tal-fieldwork ta' l-istħarriġ*

Il-Fondazzjoni approvat id-dokumenti kollha għat-tħejjija tal-*fieldwork* (il-pjanijiet tat-teħid ta' kampjuni, l-istruzzjonijiet ta' l-intervistaturi, il-manwali ta' l-intervistaturi u l-kwestjonarju) qabel ma beda l-*fieldwork*. Waqt il-fażi tal-ġbir tad-dejta, il-kuntrattur prinċipali pprovda rapporti tal-*fieldwork* kull gimgħa. Barraminhekk, f'din il-fażi bikrija l-impjegati tal-Fondazzjoni akkompanjaw lill-intervistaturi ta' l-istħarriġ fuq żjarat fil-qasam ġewwa tmien pajjiżi, sabiex b'hekk kienu f'pożizzjoni li jidentifikaw u jirrisolvu ċerti kwistjonijiet.

### *Proċessar tad-dejta u weighting*

Sabiex jiġi żgurat illi d-dejta oriġinali ta' l-intervisti tiddaħħal sewwa, 10% tal-kwestjonarji kienu suġġetti għall-kontrolli ta' mili mill-ġdid. Barradan, f'kull pajjiż ġew ivverifikati 10% kemm ta' l-indirizzi kif ukoll ta' l-intervisti. L-espert indipendenti tal-kontroll tal-kwalità assigura wkoll li l-aspetti tekniċi ta' l-ipproċessar tad-dejta saru skond l-aħjar prattika.

### *Dokumentazzjoni ta' l-istħarriġ finali*

Ġabra ta' dokumentazzjoni ta' l-istħarriġ finali ġiet ikkumpilata għal dan il-proġett, inkluża kodifikazzjoni separata u rapporti tat-teħid ta' kampjuni, rapport fuq l-editjar u t-tindif tad-dejta, rapport tekniku fuq il-*fieldwork* u l-metodoloġija, verżjonijiet tal-kwestjonarji ta' l-istħarriġ bil-lingwi kollha, u rapport finali tal-kontroll tal-kwalità ta' l-istħarriġ.

Eżaminazzjoni *post mortem*, li tkopri numru limitat ta'pajjiżi, għandha ssir fl-2006. Flimkien mal-proċessi msemmija hawn fuq, dan jassigura ġabra ta' dejta ta' l-istħarriġ li tista' tintuża bħala riżors affidabbli għall-analiżi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa.

**http://www.eurofound.eu.int/ewco/surveys/index.htm**

© Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# 2 Nesploraw x’jaħdem

It-tieni mit-tliet biċċiet tax-xogħol ewlenin tal-Fondazzjoni mill-2005-8 hija li tesplora x’jaħdem. Fil-qafas tal-programm strateġiku tagħha fuq erba’ snin *Nibdlu l-Ewropa: Xogħol aħjar, ħajja aħjar*, il-Fondazzjoni tidentifika erba’ temi ewlenin li għandhom jiġu esplorati aktar fil-fond: impjieġi; bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja; relazzjonijiet industrijali u sħubija; u koeżjoni soċjali. Il-programm ta’ xogħol għall-2005 esplora suġġetti ġodda fi ħdan dawn it-temi wesgħin u bena fuq għarfien diġà miġbur.

Jekk nagħtu ħarsa `l quddiem, l-isfida ewlenija ser tkun biex niddefinixxu kunċetti relevanti u biex nidentifikaw lakuni fl-għarfien – biċċa xogħol li ser teħtieġ riżorsi kemm interni kif ukoll esterni. Dan il-metodu ser jipprovdi bażi soda biex tintgħażel il-metodoloġija xierqa. Minn dawn is-sejbiet, il-Fondazzjoni tkun f’pożizzjoni li tara u tanalizza x’jaħdem.

Fl-2006, il-Fondazzjoni se timpenja ruħha fi proġett biex tiżviluppa standards għall-metodoloġija ta’ l-istudju ta’ każijiet. Il-Fondazzjoni għandha tradizzjoni twila fit-twettiq ta’ studji ta’ każijiet. L-għan ta’ dan il-proġett huwa li jipproduċi standards ta’ kwalità miftehmin biex issir riċerka ta’ studju ta’ każijiet li tinvolvi aktar minn pajjiż wieħed. Din ser tifforma parti mill-istrateġija tal-Fondazzjoni biex issawwar il-kwalitajiet għoljin ta’ l-istandards tagħha fl-attivitajiet kollha ta’ riċerka tagħha.

## Ħolqien ta’ aktar impjiegi u impjiegi aħjar

### Amministrazzjoni innovattiva tar-ristrutturar

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) jiffoka fuq kif in-negozji jistgħu jwieġbu aħjar għall-bidla u jamministrawha b’mod effettiv. Fl-2005, l-EMCC ippubblika numru ta’ studji fil-fond ta’ każijiet illi ffukaw fuq l-identifikazzjoni ta’ metodi illi jgħinu sabiex jitnaqqsu l-konsegwenzi soċjali negattivi ta’ ristrutturar ta’ kumpanija. L-istudji jindikaw numru ta’ tendenzi komuni illi jikkaratterizzaw l-amministrazzjoni innovattiva tar-ristrutturar.

Miżuri ta’ appoġġ jiffukaw dejjem aktar fuq rilokazzjoni ta’ l-impjegati fi ħdan il-kumpanija, minflok ħlasijiet ġenerużi għal waqfien mill-impjieg u skemi għall-irtirar kmieni. F’każ wieħed, il-waqfien mix-xogħol ma kienx imħeġġeġ biss fit-taqsima tan-negozju li kellha tiġi trasferita iżda fost il-personal kollu. Dan offra opportunitajiet għal dawk li x-xogħol tagħhom ġie trasferit illi jibqgħu mal-kumpanija imma f’karigi u postijiet differenti. Ħaġa bħal din titlob li l-kumpaniji iqabblu b’mod preċiż il-kapaċitajiet ta’ l-impjegati tagħhom mal-ħtiġijiet tan-negozju kollu.

F’numru ta’ każijiet oħrajn, ġew imfittxija soluzzjonijiet individwali għal kull impjegat. Dan jieħu aktar ħin min-negozjati mmirati għal pakkett ta’ meta wieħed jitkeċċa mix-xogħol u normalment jieħu bejn 12 sa 18–il xahar. Dan jinvolvi wkoll servizzi ta’ konsulenza, tfittxija għal impjieg, taħriġ mill-ġdid u aktar u aktar appoġġ għall-ħolqien ta’ negozji ġodda mill-impjegati. Madankollu, il-kumpaniji stqarru li dan ġie jiswa anqas flus kif ukoll tellef inqas lill-kumpaniji u għalhekk kien aħjar għall-kompetittività u għad-dehra tagħhom.

Il-fiduċja u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha hija msemmija bħala fattur kruċjali għas-suċċess, kemm f’termini ta’ relazzjonijiet industrijali interni kif ukoll f’negozjati ma’ korpi esterni. Każ minnhom jirrakkonta kif il-kumpanija falluta tat lill-awtoritajiet tas-suq tax-xogħol u lit-trejdunjins l-informazzjoni illi kienu jeħtieġu sabiex joħorġu l-benefiċċji b’mod immedjat u sabiex jibdew programm ta’ appoġġ maħdum apposta għal kull impjegat. B’riżultat ta’ dan, l-eks ħaddiema baqgħu ikollhom fiduċja fil-kumpanija; meta nstab xerrej għall-kumpanija, kienu lesti jerġgħu lura għall-impjant u joffru l-kapaċitajiet u l-għarfien tagħhom. Li kieku ma kienx hekk kien ikun diffiċli illi jinstab min jieħu posthom. Fit-tieni każ, l-impenn konġunt tal-gvern lokali u tal-kumpanija li kienet se tagħlaq sabiex jiġi żviluppat mill-ġdid is-sit abbandunat, għen sabiex inħolqu opportunitajiet ġodda għal dawk li kienu tilfu x-xogħol tagħhom.

Kien hemm fattur wieħed komuni għall-każijiet ta’ ristrutturar kollha li ġew eżaminati: il-ħtieġa tal-flessibilità u tal-kreattività mill-partijiet kollha sabiex jinstabu soluzzjonijiet aċċettabli.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta’ l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

### Ħolqien ta' negozji ġodda u ta' intraprenditorija wara r-ristrutturar

Waħda mir-rotot li biha jistgħu jintlaħqu l-miri ta' Liżbona għax-xogħol hija permezz ta' l-appoġġ tal-ħolqien u tat-tkabbir ta' negozji ġodda. Studju magħmul miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) fl-2005, *Business creation as a result of restructuring processes*, esplora l-kwistjoni tal-ħolqien ta' negozji wara r-ristrutturar.

Parti minn numru li dejjem qed jikber ta' pjanijiet ta' ristrutturar soċjalment responsabbli hija illi jingħata inkoraġġiment u appoġġ lil impjegati li jistgħu jitilfu x-xogħol sabiex dawn jibdew in-negozju tagħhom. L-istudju jinkludi sitt każijiet ta' ristrutturar ta' kumpaniji illi ġie amministrat b'suċċess: wieħed minn kull pajjiż imsemmi hawnhekk – Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, il-Polonja, Spanja u r-Renju Unit. Il-Fondazzjoni iddiskutiet dawn il-każijiet f'Novembru, f'seminar organizzat mill-membri tan-Netwerk tal-Kumpaniji tagħha. Ġew evidenzjati numru ta' strateġiji illi għenu sabiex jitnaqqas it-telf ta' impjiegi, inkluż ix-xiri mill-amministrazzjoni, il-forniment ta' appoġġ minn aġenziji pubbliċi intermedjarji, u t-teħid ta' impjegati mill-kumpaniji prinċipali għal sussidjarji ġodda.

Kemm l-istudju ta' l-EMCC kif ukoll id-dibattitu tas-seminar sabu illi kumpaniji ġodda bħal dawn jeħtieġu struttura solida ta' appoġġ, pariri u taħriġ sabiex jirnexxu. Minħabba li l-idea tan-negozju tkun ta' spiss il-parti l-aktar dgħajfa ta' l-istrateġiji ta' dawn l-imprendituri, il-konsulenti u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ illi jipprovdu l-parti l-kbira ta' l-għoti ta' pariri jeħtieġu li jikkunsidraw b'mod kritiku u bir-reqqa l-ideat. L-iffinanzjar ukoll jibqa' wieħed mill-akbar sfidi, minħabba li l-banek ma jiħdux gost jipprovdu l-kapital tal-bidu għal intrapriżi illi għandhom futur inċert fuq tul ta' żmien twil.

Minħabba li joperaw fuq perjodi ta' żmien twil, inċentivi għall-ftuħ ta' negozju huma fost l-ogħla miżuri għas-suq tax-xogħol. Għalhekk isir dejjem aktar importanti li titjieb ir-rata ta' sopravvivenza u li jkun żgurat illi dawn jikbru u joħolqu aktar xogħol. Lil hinn minn miżuri ta' appoġġ formali, it-tkabbir ta' kultura ta' intrapriża illi tħajjar il-kreattività u l-ispirtu intraprendenti ta' l-individwu tidher illi hija l-mod kif jintlaħaq dan il-għan.

### Post tax-xogħol sabiħ għal kulħadd

Fl-2005 inbeda proġett trasversali ġdid tal-Fondazzjoni. Bl-isem: '*Attractive workplace for all: A contribution to the Lisbon Strategy at company level*' ('Post tax-xogħol sabiħ għal kulħadd: Kontribuzzjoni għall-Istrateġija ta' Liżbona fuq livell ta' kumpaniji'), il-proġett għandu l-għan illi jħares kif kumpaniji qegħdin jagħtu kontribut sabiex jintlaħqu wħud mill-għanijiet ta' Liżbona: titjib fil-possibbiltà għall-impjieg, għajnuna għal aktar nies sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol, ħin tax-xogħol aktar flessibbli u l-iżvilupp tal-potenzjal għall-ħolqien tax-xogħol f'negozji akbar.

Fl-ewwel fażi tiegħu, il-proġett se jiġbor u janalizza 'l fuq minn 100 studju ta' każijiet f'seba' Stati Membri – l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Olanda, l-Iżvezja u r-Renju Unit. L-istudju qed jiġi estiż għall-Istati Membri l-ġodda. L-ippjanar għall-proġett sar matul l-2005 u l-kollaborazzjoni mal-kuntratturi prinċipali tal-proġett bdiet f'Diċembru.

Il-każijiet kollha studjati sejrin jiġu ppubblikati f'dejtabejż onaljn, u jipprovdu materjal għall-ħolqien ta' rapport konsolidat li jpoġġi l-inizjattivi tal-kumpaniji f'kuntest nazzjonali u jiġbor xi tqabbil fuq livell ta' pajjiż. Huwa mistenni illi l-ewwel riżultati tal-proġett jiġu ppubblikati lejn l-aħħar ta' l-2006.

### Inizjattivi ta' impjieg għal forza tax-xogħol li qed tikber fl-età

L-impatt ta' popolazzjoni li qed tikber fl-età fuq ix-xogħol u fuq is-suq tax-xogħol, u inizjattivi meħuda mill-kumpaniji sabiex jindirizzaw din il-kwestjoni, ġew eżaminati għall-ewwel darba mill-Fondazzjoni f'nofs is-snin 90. F'dak iż-żmien ġew iddokumentati aktar minn 150 studju ta' każijiet ta' prattika tajba. Għaxar snin wara, fl-2005, il-Fondazzjoni bdiet tħares mill-ġdid lejn dawn l-inizjattivi, tanalizza l-effetti tagħhom fuq l-attitudnijiet, fuq il-ħaddiema in ġenerali u fuq il-politika tal-kumpaniji. Wieħed mill-għanijiet ta' l-analiżi huwa li ttejjeb l-opportunitajiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħaddiema akbar fl-età. L-istudji tal-każijiet minn ħdax–il Stat Membru jindikaw numru ta' suġġetti bħal kwestjonijiet ta' sess tal-persuna, il-perspettiva tal-mixja tul il-ħajja, negozjar kollettiv u t-trasferibilità.

F'Ottubru tnediet id-dejtabejż ta' studji ta' każijiet '*Employment initiatives for an ageing workforce*' ('Inizjattivi ta' impjieg għal ħaddiema akbar fl-età') fuq il-websajt tal-Fondazzjoni. Kull studju tal-każ jagħti deskrizzjoni ta' kif l-organizzazzjoni resqet lejn il-kwestjoni u jagħti dehra ġenerali tar-riżultati fuq perjodu ta' żmien medju jew twil.

### Il-provvista ta' ħaddiema u l-ħolqien ta' impjiegi fis-servizzi tal-kura

Riċerka fil-qasam tal-ħolqien ta' l-impjiegi fis-servizzi tas-saħħa fl-2005 inkludiet studji tas-settur tal-kura tad-dipendenti u ta' servizzi ta' qabel u ta' wara l-iskola għal tfal bejn il-5 u t-12–il sena.

L-istudju dwar is-settur tal-kura tad-dipendenti ħareġ wara dibattitu dwar is-soċjetà li qed tikber fl-età u l-ħsibijiet dwar il-forniment ta' ħaddiema formali tal-kura. Tlettax–il pajjiż, inkluż ħames Stati Membri ġodda, il-Bulgarija u r-Rumanija, kienu inklużi fir-riċerka, illi ddokumentat l-aħjar prattika fir-rigward tal-mobilità, it-taħriġ u l-impjieg formali għal min jagħti l-kura. Rapport ibbażat fuq ir-riċerka se jiġi ppubblikat fir-rebbiegħa ta' l-2006. Ser issir konferenza dwar din it-tema fil-Finlandja waqt il-Presidenza tagħha ta' l-UE fit-tieni nofs ta' l-2006.

Il-proġett tal-kura tat-tfal ħares lejn l-iżvilupp ta' impjiegi formali f'servizzi ta' kwalità għolja u bi prezz tajjeb għall-kura, barra mill-iskola, ta' tfal żgħar. Fost il-kwestjonijiet li qed jiġu eżaminati madwar l-UE25 huma l-kapaċitajiet, il-kwalifiki, is-sess tal-persuna u kif jista' jitjieb l-istatus tax-xogħol fis-settur tal-kura tat-tfal. Ġew iddokumentati eżempji ta' l-aħjar prattiċi f'sitt Stati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat fl-2006.

## Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja

### Għażliet ta' ħin tax-xogħol matul il-ħajja

Il-kunċett tal-'mixja tal-ħajja' u politika relatata miegħu qed jibdew jingħataw importanza fid-diskors tal-politika ta' l-UE: jistgħu jinstabu eżempji fl-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi, fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar xjuħija attiva u fil-*Green Paper* dwar l-isfidi demografiċi. L-OECD riċentament nieda wkoll studju dwar il-mixja tul il-ħajja.

Ġew ippubblikati żewġ rapporti fl-2005 taħt it-tieni fażi tat-tema tar-riċerka tal-mixja tul il-ħajja tal-Fondazzjoni. L-ewwel rapport, *Working time options over the life course: changing social security structures,* ħares lejn il-potenzjal ta' tibdil fil-ħin, fid-dħul finanzjarju u fl-għoti tas-sigurtà soċjali matul il-ħajja ta' individwu. It-tieni rapport ikopri modi ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol u inizjattivi tal-kumpaniji sabiex jiffaċilitaw arranġamenti tal-ħin ġodda fl-Ewropa. Saret preżentazzjoni dwar 'Il-bidla demografika fil-perspettiva tal-mixja tul il-ħajja' lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew waqt id-diskussjonijiet tagħhom fuq il-*Green Paper* dwar l-isfidi demografiċi.

Proġett ġdid dwar il-flessibilità u s-sigurtà matul il-mixja tul il-ħajja jinkludi żewġ perspettivi. L-ewwel perspettiva tiffoka fuq l-arranġamenti fil-ħinijiet tax-xogħol u forom ta' kuntratti ta' xogħol fil-perspettiva tal-mixja tul il-ħajja. It-tieni tagħti kas il-kwestjoni ta' strateġiji ta' flessibilità tal-kumpaniji li jridu jiffaċjaw tibdil kbir fid-domanda. Ħarsa partikolari se tkun lejn l-implikazzjonijiet ta' arranġamenti ta' ħin tax-xogħol flessibbli fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja ta' l-impjegati. Dan il-proġett jikkumplimenta l-istħarriġ tal-kumpanija.

## Appoġġ għall-parteċipazzjoni u għas-sħubija

### Forom ġodda ta' governanza fir-relazzjonijiet industrijali

Id-djalogu soċjali Ewropew huwa rikonoxxut sewwa bħala li għandu rwol importanti għat-titjib tal-governanza Ewropea. Fl-2005, il-Fondazzjoni nediet proġett ġdid, 'L-Impatt ta' forom ġodda ta' governanza fuq ir-relazzjonijiet industrijali', sabiex janalizza l-iżviluppi riċenti fid-djalogu soċjali Ewropew kif ġie influwenzat bl-iżvilupp ta' strumenti ġodda ta' governanza. L-istudju se jeżamina forom ġodda ta' governanza fil-livelli differenti tar-relazzjonijiet industrijali: intersettorjali, settorjali u fil-livell ta' kumpanija.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

Il-proġett għandu l-għan illi jwassal informazzjoni dwar l-impatt illi dawn l-istrumenti ġodda għandhom fuq l-atturi differenti fis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali ta' l-Ewropa: istituzzjonijiet Ewropej, gvernijiet u imsieħba soċjali. Ir-rapport finali se jitwassal wara li ssir it-tieni laqgħa ta' ħidma li għandha ssir f'Marzu 2006.

### Kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej

Fażi ġdida tal-proġett tal-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej ġiet imnedija fl-2005, wara xogħol fuq ir-riżultati ta' żewġ studji – ir-rapport *European works councils in practice,* u l-istudju komparattiv ta' l-EIRO *Developments in European Works Councils*. Din il-fażi kellha l-għan illi tespandi aktar ir-riċerka tal-Fondazzjoni dwar il-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej billi tagħmel studji ta' każijiet dwar l-esperjenzi fi Stati Membri ġodda u billi teżamina aktar mill-qrib ir-rwol tal-EWCs fl-istrutturar. L-ewwel riżultati tal-*fieldwork* huma mistennija għas-sajf ta' l-2006. Ħarsa qasira lejn l-attività ta' riċerka tal-Fondazzjoni dwar il-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej fuq 11–il sena u l-kontroll ta' l-iżvilupp tagħhom se tiġi ppubblikata fl-2006.

### Il-bini tal-kapaċità għal djalogu soċjali fl-UE10

Fl-2005, il-Fondazzjoni tat bidu għal proġett fuq il-bini tal-kapaċità għal djalogu soċjali li jkopri l-għaxar Stati Membri l-ġodda kollha (Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonija, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja) kif ukoll il-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija. L-għan ta' dan il-proġett huwa illi jeżamina modi kif iħaffef il-proċess ta' djalogu soċjali f'dawn il-pajjiżi sabiex jużah bħala strument għall-promozzjoni ta' l-impjiegi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-relazzjonijiet industrijali. Dan il-proġett qed jitmexxa b'mod konġunt ma' l-i*Swedish Work–Life Development Project*. Timijiet tripartitiċi nazzjonali, li huma magħmulin minn rappreżentanti tal-gvernijiet, *tr*ejdunjins u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem attendew għal *w*erkxops tal-Fondazzjoni u ddiskutew rapporti nazzjonali mħejjija minn riċerkaturi nazzjonali. Il-parteċipanti qablu li l-opportunità illi jaqsmu l-esperjenzi ma' pajjiżi oħrajn kienet ta' impetu siewi għall-iżvilupp nazzjonali. Rapport ta' sintesi komparattiva u għaxar rapporti nazzjonali se jiġu ppubblikati *onl*ajn fl-2006.

## Bini ta' koeżjoni soċjali

### Żviluppi fis-servizzi ta' gwida dwar ix-xogħol għal persuni b'diżabilitajiet u problemi tas-saħħa

Filwaqt li r-rati ta' impjieg madwar l-Ewropa bil-mod il-mod żdiedu, dawn baqgħu baxxi għal persuni b'diżabilitajiet jew problemi tas-saħħa. Riċerka preċedenti fil-Fondazzjoni eżaminat miżuri maħsuba sabiex iżommu lill-persuni fix-xogħol wara li jiżviluppaw mard kroniku jew diżabilità. Proġett ġdid li nbeda fl-2005 kompla x-xogħol diġà mibdi. Dan il-proġett iffoka fuq dawk li ħallew l-impjieg minħabba raġunijiet ta' saħħa jew diżabilità u studja miżuri innovattivi għall-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fix-xogħol, prinċipalment fil-qasam tal-gwida u għoti ta' pariri dwar ix-xogħol. Fl-2006 se jkun ippubblikat rapport ta' ħarsa ġenerali dwar il-proġett u ser tinħoloq ukoll dejtabejż li tiddokumenta dawn l-inizjattivi.

### Il-mobilità fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għad-drittijiet soċjali ta' l-immigranti

Il-qsim ta' esperjenzi rigward linji politiċi ta' integrazzjoni li rnexxew huwa importanti ħafna għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Ir-riċerka dwar dan is-suġġett bdiet titwettaq bl-iżvilupp ta' qafas kunċettwali għall-analiżi ta' politika ta' integrazzjoni fuq livell muniċipali. Il-proġett jissuġġerixxi ħidma flimkien ma' netwerks eżistenti ta' awtoritajiet lokali sabiex jinħolqu eżempji ta' prattika eċċellenti f'politika ta' integrazzjoni sostenibbli dwar diversi kwistjonijiet. Il-proġett ser jipprovdi wkoll direttorju għal tipi differenti ta' azzjoni ta' integrazzjoni u dejtabejżis ta' linji politiċi ta' integrazzjoni fuq livell lokali fl-Ewropa.

Fuq l-istess tema, il-Fondazzjoni serviet bħala relatur għal werkxop dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti fil-konferenza tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-*Green Paper* '*Confronting demographic change: for a new solidarity between generations*' (Kif naffrontaw il-bidla demografika: għal solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet) f'Lulju 2005.

### Promozzjoni tal-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa rurali

L-ewwel analiżi ta' l-iStħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa li sar fl-2004 enfasizzat il-ħtieġa ta' aktar studju ddettaljat dwar id-differenzi rurali-urbani madwar l-Ewropa. Minbarra differenzi fid-dħul, impjieg, għerf u edukazzjoni, u akkomodazzjoni, hemm ukoll differenzi sinifikanti fil-karatteristiċi tal-popolazzjoni f'żoni urbani u rurali meta wieħed iħares lejn il-livelli ta' edukazzjoni, l-età u s-sess. Fl-2005 ingħata bidu għall-istudju '*Promoting quality of life in rural Europe*' (Il-promozzjoni tal-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa rurali), maħsub sabiex jesplora miżuri innovattivi li jippromwovu l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa rurali permezz ta' inizjattivi ta' kapital soċjali. F'Settembru kien organizzat seminar ta' l-esperti sabiex jorqom il-proposta tal-proġett għall-2006.

## Taħt il-lenti

### Inizjattivi ta' impjieg għal forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ

F'dawn l-aħħar erbgħin sena, l-aspettattiva tal-ħajja fl-Unjoni Ewropea żdiedet bejn tmienja u għaxar snin. Matul l-istess perjodu, in-numru ta' ħaddiema akbar fl-età, speċjalment irġiel, baqa' nieżel b'mod kostanti. Illum, ħaddiem wieħed biss minn kull tlieta bejn il-55 u l-64 sena qiegħed f'impjieg imħallas. L-isfruttament tal-potenzjal sħiħ ta' kull ħaddiem, inkluż ħaddiema akbar fl-età, huwa prijorità fl-istrateġija ta' Liżbona ta' l-Unjoni Ewropa għal tkabbir, impjieg u koeżjoni soċjali akbar.

L-impatt tax-xjuħija tal-popolazzjoni fuq l-impjiegi u s-suq tax-xogħol kien studjat għall-ewwel darba mill-Fondazzjoni f'nofs id-disgħinijiet. Ir-rapport, *Combating Age Barriers in Employment: A European Portfolio of Good Practice* (Niġġieldu l-Barrieri ta' l-Età fix-Xogħol: Portafoll ta' Prattika Tajba), indika l-inizjattivi meħuda sabiex jinqalbu x-xejriet ta' irtirar u ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol, u sabiex jinkoraġġixxu ż-żamma fil-post, l-integrazzjoni mill-ġdid u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħaddiema akbar fl-età. Għaxar snin wara, il-Fondazzjoni qiegħda tirrevedi xi wħud minn dawn l-inizjattivi sabiex teżamina l-bidliet li seħħew fihom fi snin suċċessivi u tanalizza x'ikkontribwixxa għas-suċċess jew falliment tagħhom. B'kollox, 130 studju tal-każ minn ħdax–il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Olanda, Spanja, l-iŻvezja u r-Renju Unit) qed jiġu ddokumentati. Dawn l-istudji jixħtu dawl fuq aspetti bħal kwistjonijiet ta' sess, il-perspettiva tal-kors tal-ħajja, negozjar kollettiv u t-trasferibilità.

Fit-tieni fażi tal-proġett, dan kien estiż għal ħames Stati Membri ġodda – l-Estonja, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja – u għall-Bulgarija u r-Rumanija. Il-promozzjoni ta' xjuħija attiva (l-estensjoni taż-żmien tax-xogħol u ż-żieda fir-rati ta' impjieg fost ħaddiema akbar fl-età) tiffaċċja sfidi partikolari f'bosta minn dawn il-pajjiżi.

F'Ottubru ġiet imnedija d-dejtabejż ta' studji tal-każ '*Employment initiatives for an ageing workforce*' (Inizjattivi ta' impjieg għal forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ). Kull studju tal-każ, li huwa aċċessibbli mill-websajt tal-Fondazzjoni, jispjega kif l-organizzazzjoni ttrattat il-kwistjoni u jfisser ir-riżultati għall-perjodu qasir sa medju. L-istudji tal-każ ikopru daqsijiet ta' kumpaniji, setturi u tipi ta' organizzazzjonijiet differenti, u jiddokumentaw prattiċi tajba marbuta ma' kwistjonijiet bħall-ingaġġ, taħriġ u żvilupp, xogħol flessibbli, is-saħħa u l-ergonomija.

Seminar li laqqa' flimkien riċerkaturi u esperti miż-żewġ fażijiet tal-proġett kien organizzat f'Diċembru. Dan analizza eżiti mill-istudju, fosthom linji gwida għal prattika tajba u rapport analitiku dwar żviluppi fil-ġestjoni ta' l-età fil-postijiet tax-xogħol f'dawn l-aħħar għaxar snin.

L-isfidi ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ jeħtieġu l-involviment u kooperazzjoni mill-qrib tal-partijiet interessati kollha. Min-naħa tagħha, il-Fondazzjoni kienet attiva tippreżenta r-riżultati tar-riċerka tagħha lil gruppi bħal gvernijiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet ta' l-UE (inkluż l-Intergrupp tal-Parlament dwar ix-Xjuħija), is-settur ta' l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (Pjattaforma AGE) u l-komunità kummerċjali. Dan ser jissokta fl-2006 bil-pubblikazzjoni tar-rapporti prinċipali.

**http://www.eurofound.eu.int/areas/populationandsociety/index.htm**

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# Komunikazzjoni u qsim ta' ideat u esperjenza 3

Il-komunikazzjoni u l-qsim ta' ideat u esperjenza huma t-tielet kompitu prinċipali tal-Fondazzjoni għall-programm ġdid ta' ħidma tagħha. Dan jesiġi li l-Fondazzjoni tkun proattiva biex twassal u tikkomunika r-riżultati tax-xogħol tagħha lill-partijiet interessati, gruppi fil-mira u bosta intermedjarji ta' l-informazzjoni tagħha. Komunikazzjoni simili tipprovdi wkoll opportunitajiet għall-protagonisti involuti f'politika soċjali ta' l-UE sabiex jiddiskutu kwistjonijiet u jiskambjaw fehmiet u esperjenzi dwar suġġetti magħżula.

## Attivitajiet ewlenin ta' komunikazzjoni

L-attivitajiet ewlenin ta' komunikazzjoni fl-2005 kienu jinkludu dawn l-azzjonijiet:

- disinn ġdid tal-websajt b'orjentazzjoni fuq is-suġġett, li kiseb aktar minn 4.5 miljun sessjoni ta' użu fuq is-siti kollha – żieda ta' 25% meta mqabbel ma' l-2004;
- il-kampanja tal-'Kwalità tal-ħajja', li laħqet sitt miljun qarrej tal-gazzetta f'sitt pajjiżi;
- l-introduzzjoni tad-dejtabejż ta' indikaturi tal-Kwalità tal-Ħajja EurLIFE fil-websajt tal-Fondazzjoni;
- komunikazzjoni akbar mal-Parlament, il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali ta' l-UE permezz ta' ikliet mal-MPE (Membri tal-Parlament Ewropew), kif ukoll parteċipazzjoni f'seminars tal-Kummissjoni, l-ETUC u l-UNICE;
- żewġ seminars tal-Fondazzjoni – wieħed dwar il-forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ u l-ieħor dwar il-flessibilità;
- tliet seminars ta' skambju bejn Kumpaniji dwar ir-ristrutturar u l-bidla;
- preżentazzjoni ta' l-ewwel riżultati ta' l-istħarriġ tal-kumpaniji dwar il-ħin tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja;
- it-tnedija tad-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej, ġabra onlajn ta' 300 terminu marbuta max-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali fuq livell ta' UE;
- id-dejtabejż onlajn dwar il-forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ, ġabra ta' każijiet ta' prattika eċċellenti fil-ġestjoni ta' l-età;
- it-tnedija tar-rivista ġdida ta' kull sitt xhur, *Foundation Focus*;
- programm ta' pubblikazzjoni b'żieda ta' 10% fil-prodotti meta mqabbel mas-sena preċedenti;
- inizjattivi mmirati biex jilħqu l-pubbliku ġenerali permezz taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Kollegament, u permezz ta' kampanja tax-xandir immirata lejn sorsi nazzjonali ta' aħbarijiet;
- xogħol ta' tħejjija għan-netwerk ġdid ta' sinerġija, li se jiġi mniedi fl-2006 biex jissimplifika l-proċessi u l-kontenut ta' kontribuzzjonijiet ta' informazzjoni onlajn mill-ERM, l-EIRO u l-EWCO.

## Kuntatti mal-pubbliku u mal-partijiet interessati

**Tisħiħ tal-kuntatti fuq livell ta' l-UE**

Il-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew issaħħet permezz ta' sensiela ta' attivitajiet u preżentazzjonijiet, per eżempju ikla tax-xogħol mal-MPE sabiex jiġu diskussi r-ristrutturar u l-ġestjoni tal-bidla. Il-parteċipanti, membri tal-kumitati dwar ix-xogħol u affarijiet soċjali, l-industrija, ir-riċerka u l-enerġija, l-iżvilupp reġjonali, u affarijiet ekonomiċi u monetarji, esprimew interess kbir fix-xogħol ta' l-EMCC. Il-kummenti mingħand l-MPE kienu wkoll utli għall-Fondazzjoni sabiex jgħinuha tidentifika oqsma ġodda għar-riċerka u eżempji ta' prattika tajba. Il-Fondazzjoni ħadet sehem fis-seduta tal-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika Torka, li fiha

l-Fondazzjoni ppreżentat riżultat mill-iStħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa rigward l-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fit-Turkija. Il-Fondazzjoni ppreżentat ir-riżultati tar-riċerka tagħha f'konferenza tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej dwar 'Aktar impjiegi u impjiegi aħjar għan-nisa: prijorità ta' l-UE?', li kienet ippreseduta mill-Kummissarju Špidla.

Il-Fondazzjoni ħejjiet kontribuzzjoni għall-*Green Paper* tal-Kummissjoni dwar il-bidla demografika, '*Confronting demographic change: a new solidarity between the generation*' (Kif naffrontaw il-bidla demografika: solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet), li ppermettiet kontribuzzjoni kkoordinata dwar din il-kwistjoni lill-istituzzjonijiet relevanti kollha.

Strateġija ta' kooperazzjoni produttiva kienet żviluppata mal-Kumitat tar-Reġjuni (CoR) ta' l-Unjoni Ewropea: bis-saħħa ta' hekk, l-għarfien tal-Fondazzjoni dwar ir-ristrutturar u l-bidla demografika informat l-opinjoni tal-CoR. L-Aġent Direttur, Willy Buschak, ġie mistieden jippresjedi laqgħa dwar ir-ristrutturar fl-Iskozja waqt il-presidenza tar-Renju Unit.

Is-sħab soċjali settorjali wrew interess dejjem akbar fil-kompetenza tal-Fondazzjoni, b'mod partikolari l-informazzjoni tagħha dwar ir-ristrutturar. Il-Forum ta' Kollegament tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali u l-laqgħat ta' ċerti kumitati settorjali jinkludi preżentazzjonijiet mill-Fondazzjoni b'mod regolari.

It-tieni seminar annwali ta' skambju ma' l-*attachès* soċjali ta' l-UE, pajjiżi ta' adeżjoni u kandidati qajmu interess fost ir-Rappreżentanzi Permanenti ta' l-Istati Membri. Il-preżentazzjoni tal-Fondazzjoni ffokat fuq żviluppi ta' l-ERM, id-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej u inizjattivi ta' impjieg għal forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ.

Il-Fondazzjoni ssoktat fid-djalogu tagħha mal-Pjattaforma Soċjali. Il-Pjattaforma Soċjali tiġi kkonsultata waqt il-preparazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali tal-Fondazzjoni.

### Titjib ta' l-immaġni pubblika

B'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni, il-Fondazzjoni fittxet li tilħaq liċ-ċittadini Ewropej billi 'marret lokali'. Kif jindika l-pjan ta' azzjoni, komunikazzjoni tajba teħtieġ li l-messaġġi jiġu adattati għall-udjenza fil-mira. Il-Fondazzjoni għamlet dan permezz tal-kampanja *road show* tagħha madwar l-Ewropa: waqt kull żjara l-istqarrija għall-istampa u l-konferenza stampa enfasizzaw dejta li tirrigwarda r-riżultati tal-kwalità tal-ħajja fil-pajjiż fil-mira u qabblu dawn mal-medji ta' l-UE jew ma' Stati Membri oħra bi profil simili.

Iċ-ċentri nazzjonali ta' kollegament (NLCs – *National Liaison Centres*) komplew il-ħidma tagħhom ta' tixrid ta' informazzjoni marbuta ma' dibattiti nazzjonali kontinwi dwar suġġetti bħall-impjieg u kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol, il-kwalità tax-xogħol, patti ġenerazzjonali u l-irtirar, il-pensjonijiet, opportunitajiet indaqs u l-immigrazzjoni. In-NLCs kollha issa għandhom paġna tal-Fondazzjoni fil-websajt tagħhom li fiha informazzjoni bil-lingwa nazzjonali. Tlieta mill-ħames NLCs attwalment jistgħu jipproduċu statistiċi tal-web: bejn dawn it-tlieta, kienu rreġistrati madwar 2,600 sessjoni ta' użu. Matul it-tieni nofs ta' l-2005 intbagħtu aktar minn 10,000 *email*, li wasslu informazzjoni dwar pubblikazzjonijiet ġodda. Aktar minnhekk, il-Fondazzjoni kienet pubbliċizzata fi 11–il esebizzjoni nazzjonali u tqassmu aktar minn 800 pubblikazzjoni stampata. Barraminhekk, in-NLCs għenu sabiex jorganizzaw numru ta' seminars tal-Fondazzjoni.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# It-Tkabbir tad-Djalogu

## Konferenzi u avvenimenti

Matul l-2005 il-Fondazzjoni kienet mistiedna f'aktar minn 160 avveniment estern. Il-personal tal-Fondazzjoni pparteċipa f'95 avveniment estern; ħa sehem attiv f'66 minnhom: għamel preżentazzjonijiet, ippresjeda sessjonijiet jew serva bħala kelliem f'werkxops.

Barraminhekk, il-Fondazzjoni organizzat 71 avveniment: 82% saru fl-UE15 preċedenti (l-aktar fl-Irlanda u Brussell), 10% fl-Istati Membri ġodda u, bis-saħħa ta' finanzjament tal-Phare, 8% f'pajjiżi ta' adeżjoni u kandidati. B'kollox ħadu sehem 2,126 formulatur ta' politika, imsieħba soċjali, konsulenti, esperti u rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet Ewropej fil-laqgħat tal-Fondazzjoni nnifisha.

## Żjarat lill-Fondazzjoni

Iż-Żjarat lill-Fondazzjoni huma mod ieħor kif jitkabbar l-interess fix-xogħol tal-Fondazzjoni. Fl-2006, 36 grupp żaru l-Fondazzjoni: dawn ammontaw għal total ta' 239 parteċipant. Ammont żgħir mill-gruppi – ngħidu aħna, politiċi u ambaxxaturi – kienu mistiedna mill-amministrazzjoni; oħrajn żaru fuq inizjattiva tagħhom stess. Il-gruppi kienu jikkonsistu prinċipalment minn rappreżentanti tal-gvern u l-imsieħba soċjali, u ġew l-aktar mill-pajjiżi Nordiċi, il-Ġermanja u l-Awstrija. Ħamsa mill-gruppi viżitaturi kienu jikkonsistu f'riċerkaturi. Grupp wieħed kbir ta' studenti Franċiżi wkoll għamel żjara, kif ukoll xi NGOs. Tfassal programm maħluq apposta għal kull grupp, li kien jikkonsisti f'sensiela ta' preżentazzjonijiet minn personal tal-Fondazzjoni u diskussjoni ta' tkomplija.

## Sensiela ta' seminars mill-Fondazzjoni

Is-sensiela ta' seminars mill-Fondazzjoni ssoktat matul l-2005, b'żewġ suġġetti ta' diskussjoni: l-età u x-xogħol, u l-organizzazzjoni flessibbli tax-xogħol.

Il-mira tas-sensiela hija li jitkabbar l-għarfien reċiproku ta' sitwazzjonijiet nazzjonali, jitrawwem għarfien ta' politika Ewropea, jitħeġġeġ il-qsim ta' esperjenzi, u jitħaffef in-networking. Il-valutazzjonijiet tas-seminars kienu pożittivi; b'mod partikulari, l-opportunità għal diskussjoni tripartita tal-kwistjoni bejn trejdjunjins, min iħaddem u rappreżentanti tal-gvern kienet apprezzata ħafna kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali.

## Seminars tal-EMCC dwar Netwerks tal-Kumpanija

Fl-2002, l-EMCC introduċa s-sensiela ta' seminars tiegħu dwar Netwerks tal-Kumpanija, maħsuba sabiex ikabbru l-għarfien dwar ir-realtà ta' bidla industrijali fil-livell tal-kumpanija u jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenzi u diskussjoni pari bejn professjonisti. Fl-2005 kienu organizzati tliet seminars li involvew 140 parteċipant li rrappreżentaw l-amministrazzjoni tal-kumpanija, trejdjunjins u kunsilli tax-xogħol, organizzazzjonijiet ta' riċerka u awtoritajiet pubbliċi minn Stati Membri ta' l-UE u pajjiżi ta' adeżjoni. L-istruttura tas-seminars baqgħet l-istess bħal fis-snin preċedenti: introduzzjoni minn espert, segwita minn erba' preżentazzjonijiet ta' studji tal-każ li fihom il-maniġers u/jew rappreżentanti tal-ħaddiema jfissru l-esperjenza tal-kumpanija tagħhom, magħżula fuq il-bażi ta' risposti innovattivi u ta' suċċess għal sfidi komuni. Dan ikun segwit minn diskussjoni moderata f'sessjoni plenarja u gruppi ta' ħidma.

Is-suġġetti diskussi mis-seminars kienu:

- 'L-għoti ta' servizzi kummerċjali barra l-pajjiż: theddida jew opportunità': dan is-seminar ħares lejn il-loġistiċi u proċessi wara l-istrateġija korporattivi li tesporta xogħlijiet ta' servizzi madwar il-globu.
- 'It-tiġdid tal-post tax-xogħol – titjib tal-produttività u l-kwalità tax-xogħol': dan is-seminar esplora r-rwol ta' mudelli innovattivi ta' organizzazzjoni tax-xogħol li jippermettu lill-kumpaniji jiksbu livelli ogħla ta' prestazzjoni u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ħaddiema.
- 'Il-ħolqien ta' negozju b'riżultat ta' proċessi ta' ristrutturar': l-enfasi ta' dan is-seminar kienet fuq sistemi innovattivi ta' ristrutturar li jwasslu għal ħolqien tax-xogħol u t-twaqqif ta' negozji mibdija mill-ħaddiema.

## Prodotti ta' informazzjoni

### Pubblikazzjonijiet ġodda

L-ewwel ħarġa ta' l-ewwel rivista li toħroġ darbtejn fis-sena tal-Fondazzjoni, *Foundation Focus,* ħarġet f'Ottubru 2005. Ir-rivista qiegħda timmira li f'kull ħarġa tiffoka fuq tema kritika ta' importanza soċjali u ekonomika fl-Unjoni Ewropea, billi toffri serje ta' artikli fuq aspetti differenti tat-tema.

L-ewwel ħarġa stħarrġet il-kwistjoni tar-ristrutturar industrijali u inkludiet reviżjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2005. Fost it-temi koperti kien hemm it-tendenzi ta' telf u ħolqien ix-xogħol fl-Ewropa, ir-rispons tal-ħaddiema għal inizjattivi ta' ristrutturar, u l-użu b'suċċess ta' inizjattivi kapitali soċjali f'oqsma żvantaġġjati. F'taqsima ta' l-aħħar, l-enfażi kien fuq żewġ oqsma – l-industrija tal-karozzi u l-qasam ta' servizzi relatati man-negozju – li wera strateġiji żviluppati f'dawk l-oqsma bħala rispons għall-isfidi tar-ristrutturar.

Kien hemm total ta' 178 artiklu fil-lingwa oriġinali. Dawn dehru jew stampati jew fuq il-web – żieda ta' 10% fuq l-ammont ta' l-2004. Il-pubblikazzjonijiet kienu jinkludu 150 rapport u 17–il artiklu relatati mal-kumpaniji, ma' l-aħbarijiet jew ma' promozzjonijiet. Meta wieħed iqis ukoll il-pubblikazzjonijiet tradotti, it-total għall-2005 jitla' għal 332.

Prodott ieħor ta' l-informazzjoni li ħareġ fl-2005 – u wieħed mill-aktar imfaħħar - kien il-*European industrial relations dictionary*, imniedi f'ċerimonja fi Brussell b'diskorsi ewlenin mill-Kummissarju Špidla u minn rappreżentanti mill-UNICE, ETUC u l-gvernijiet nazzjonali.

### Użu tal-websajt tal-Fondazzjoni

Fl-2005, kien hemm 25% aktar sessjonijiet ta' użu tal-websajts tal-Fondazzjoni milli kien hemm fl-2004. Eurofound, il-websajt ewlenija, kellha żieda ta' 33%, li jġib it-total għal 1,900,000 utent; iż-żjarat fl-EIRO żdiedu bi 11% għal 2,341,177.

| *Websajt* | Sessjonijiet ta' użu 2005 | Żieda mill-2004 |
|---|---|---|
| Eurofound | 1,957,089 | 33% |
| EIRO | 2,341,177 | 11% |
| EMCC | 337,537 | 133% |

Raġuni ewlenija għal dan is-suċċess kienet id-disinn mill-ġdid tal-websajt ta' l-Eurofound. Ġiet introdotta arkitettura ta' informazzjoni bbażata fuq it-tema, flimkien ma' aċċess aktar faċli għall-informazzjoni miġbura skond il-pajjiż, il-qasam u l-lingwa. Prodotti ġodda ta' fuq il-web introdotti fl-2005 jinkludu:

- id-dejtabejż tal-kwalità tal-ħajja, EurLIFE, li tipprovdi aċċess faċli għal għadd ta' indikaturi fuq kundizzjonijiet ta' għajxien, u tippermetti lill-utenti joħolqu tabelli u grafiċi, skond il-bżonnijiet tagħhom;
- dizzjunarju onlajn dwar ir-relazzjonijiet industrijali ewropej;
- ġabra ta' studju ta' każijiet fuq il-ġestjoni ta' l-età fuq il-post tax-xogħol.

Għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid x'impatt dawn għad jista' jkollhom fuq l-użu sħiħ tal-web.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

Sar ukoll stħarriġ fost l-utenti kif ukoll stima ta' l-esperti tal-websajts ta' l-EIRO u l-EMCC, u dawn wasslu għal rakkomandazzjonijiet għal titjib. Fost dawn kien hemm: użu aħjar tal-funzjonalità tat-tiftix, rapporti qosra u aktar ċari u aktar grafiċi. Xi bidliet diġà saru, filwqt li oħrajn li jinkludu l-faċilità ġdida tat-tiftix se jibdew matul l-2006.

Żviluppi oħra fuq il-websajt għall-2006 jinkludu l-amalgamazzjoni tat-tliet websajts: EIRO, EMCC u Eurofound f'websajt waħdanija tal-Fondazzjoni.

**Il-Kampanja ta' Stħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja Ewropea**

Il-kampanja ta' Stħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja Ewropea bdiet fl-2004 u kompliet fl-2005. Matul is-sena, ġew ippubblikati tliet rapporti ddettaljati u f'Ġunju ġiet imnedija d-dejtabejż EurLIFE, flimkien mal-websajt iddisinjata mill-ġdid tal-Fondazzjoni.

L-Istħarriġ dwar il-Kwalità tal-Ħajja Ewropea kien it-tema ukoll għal preżentazzjonijiet matul is-sitt żjarat nazzjonali fl-2005. Matul kull żjara, l-attivitajiet ta' l-istampa li kienu mmirati biex jenfasizzaw ix-xogħol tal-Fondazzjoni minn perspettiva nazzjonali, irriżultaw f'espożizzjoni tajba tal-*media*. Bħala total, intlaħqu madwar 7.5 miljun persuna permezz tal-gazzetti, it-TV u r-radju matul is-sitt żjarat fl-2005. Minn meta beda r-*road show* ta' żjarat nazzjonali fl-2004, intlaħqu aktar minn 14.3 miljun ruħ permezz tal-media.

Barra milli tenfasizza x-xogħol tal-Fondazzjoni, ir-*road show* tippreżenta opportunità prezzjuża għall-personal tal-Fondazzjoni biex jiltaqa', u jkollu laqgħat bilaterali mal-partijiet interessati tal-Fondazzjoni.

## I Fil-Mira

### Il-promozzjoni tad-djalogu

Il-proġett tas-serje ta' seminars tal-Fondazzjoni kompla fl-2005, wara rispons pożittiv fuq il-fażi pilota ta' l-2004. Ġew organizzati żewġ seminars: l-ewwel wieħed, '*Age and work: connecting the generations*' ('L-età u x-xogħol: l-għaqda tal-ġenerazzjonijiet'), kien it-tmiem tas-serje ta' l-2004, waqt li t-tieni wieħed, '*Towards a sustainable and flexible work organisation*' ('Lejn organizzazzjoni tax-xogħol flessibbli u sostenibbli'), kien jirrappreżenta suġġett ġdid. Is-seminar fuq is-suġġett tax-xogħol eżamina l-punti ewlenin fuq l-aġenda politika u soċjali, inkluż il-promozzjoni tad-dħul ta' ħaddiema kbar fl-età fis-suq tax-xogħol; is-sostenn tal-'anzjanità attiva'; u t-titjib tat-tagħlim matul il-ħajja kollha u l-kapaċità li wieħed jiġi impjegat. Is-seminar fuq l-organizzazzjoni ta' xogħol flessibbli iffoka fuq il-flessibilità f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-organizzazzjoni tal-ħin u tax-xogħol.

L-għan tas-serje tas-seminars huwa li jipprovdi opportunitajiet għall-qsim ta' tagħrif li jista' jiffaċilita proċess aħjar għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-politika soċjali Ewropea u li jgħin lill-atturi soċjali fuq il-livell nazzjonali biex jilħqu l-għanijiet ta' l-Aġenda ta' Liżbona. L-użu ta' netwerks, il-qsim ta' esperjenzi nazzjonali u ż-żieda fl-għarfien tal-prioritajiet tal-politika Ewropea huma l-komponenti ewlenin ta' l-istrateġija. L-istruttura fl-2005 baqgħet l-istess bħal dik tas-serje preċedenti: ħarsa ġenerali tal-politika ta' l-UE u tax-xogħol tal-Fondazzjoni; il-preżentazzjoni tas-sitwazzjonijiet nazzjonali; l-eżaminazzjoni ta' eżempji varji minn kumpaniji; u diskussjoni minn espert fuq is-suġġett.

L-istruttura tripartitika – li tinvolvi rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali, il-gvernijiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea – hija meqjusa bħala fattur importanti fis-suċċess tas-serje ta' l-2005. Ġiet apprezzata l-opportunità li jiġu diskussi kwistjonijiet ma' partijiet differenti, kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell internazzjonali. Il-parteċipanti ngħataw ħin biżżejjed flimkien biex jiżviluppaw approċċ metodiku biex jagħmlu netwerk u jibnu kuntatti informali.

Fl-2006, is-serje ta' seminars tal-Fondazzjoni se tkompli bħala parti mill-attivitajiet kontinwi tal-Fondazzjoni, b'seminar dwar l-impjegabilità u l-flessibilità. Se tkompli l-istrateġija tal-komunikazzjoni użata fis-serje ta' l-2005 billi tipprovdi *webpage* għal dan il-għan għall-parteċipanti u billi l-informazzjoni dwar is-seminars u l-kontribuzzjonijiet tal-kelliema jitqiegħdu fuq il-websajt tal-Fondazzjoni.

**http://www.eurofound.eu.int/events/fss.htm**

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tagħna 4

L-effikaċja tal-Fondazzjoni u l-impatt tagħha fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini Ewropej huma ta' importanza kbira għall-partijiet interessati tal-Fondazzjoni, għall-udjenzi li għalihom hija mmirata u, ovvjament għall-membri tal-personal tagħha; li wieħed ikun jaf li x-xogħol tiegħu huwa utli u li jagħmel differenza jwassal għal ħidma kontinwa għall-eċċellenza.

Il-mandat tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-tfassil ta' kundizzjonijiet aħjar għall-għajxien u għax-xogħol fl-Ewropa. Il-Fondazzjoni għandha l-għan li tieħu parti attiva f'dan il-qasam: li tkun ċentru ta' kompetenza kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell internazzjonali.

Fil-mixja kurrenti lejn ir-responsabbiltà, ir-riċerka għandha turi kwalità għal flus minfuqa u għandha wkoll turi l-impatt li tħalli. Li jiġi kkalkulat ix-xogħol tal-Fondazzjoni huwa in parti xogħol ta' evalwazzjoni u in parti xogħol ta' monitoraġġ. Fl-2006, bħala parti mill-programm ta' evalwazzjoni sistematiku tagħha, il-Fondazzjoni se tikkummissjona evalwazzjoni korporattiva esterna tax-xogħol tal-Fondazzjoni u ta' l-effikaċja tiegħu.

Biex ikun hemm monitoraġġ effettiv ta' l-impatt tax-xogħol tal-Fondazzjoni jeħtieġ li jiġi reġistrat l-użu tiegħu mill-udjenzi li għalihom huwa mmirat. 'Provi sinifikanti ta' użu' bħal dawn huma l-elementi prinċipali fis-sistema tal-Fondazzjoni li timmonitorja u ssewgi l-impatti tagħha. Dan jippermetti lill-Fondazzjoni biex tiġġudika jekk ix-xogħol tagħha huwiex jilħaq il-gruppi fil-mira u kif dawn il-gruppi qegħdin jużaw ix-xogħol tagħha.

Fl-2005, il-Fondazzjoni kisbet ħafna meta kkontribwiet għall-politika u l-leġiżlazzjoni fuq il-livell ta' l-UE: dan seħħ l-aktar minħabba li ġiet mifhuma n-natura tal-konnessjonijiet bejn ir-riċerka u l-informazzjoni u l-ħtiġijiet u l-interessi ta' l-iżviluppaturi tal-politika. Iżda, jeħtieġ li jkun hemm ftehim akbar dwar l-interazzjoni bejn ir-riċerka u t-tfassil tal-politika. Il-Fondazzjoni ser tipprova tiżviluppa aktar il-mekkaniżmi tagħha biex tikkalkula l-impatt tar-riċerka fuq il-politika u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-konnessjoni effettiva tar-riċerka u t-tfassil tal-politika.

Il-Fondazzjoni identifikat erba' indikaturi ewlenin li bihom għandu jiġi vvalutat ix-xogħol u l-attivitajiet tagħha. Dawn huma ttrattati aktar 'l isfel.

## Il-livell Ewropew

Il-kontribuzzjoni għall-proċess ta' l-iżvilupp tal-politika fuq il-livell ta' l-UE huwa għan strateġiku ta' importanza kbira għall-Fondazzjoni. Dan ifisser li tipprovdi t-tagħrif mitlub, tipprovdi dejta affidabbli u analiżi soda lil firxa ta' udjenzi li jfasslu l-politika.

L-2005 kien perjodu ta' suċċess għaż-żieda fil-viżibilità u għar-rikonoxximent pożittiv mill-partijiet interessanti tal-Fondazzjoni fuq il-livell ta' l-UE, kif ukoll għall-effikaċja tal-Fondazzjoni fis-sehem tagħha fil-proċess leġiżlattiv.

Meta kienu qegħdin jiġu abbozzati l-leġiżlazzjoni u d-dokumenti tal-politika fuq il-livell ta' l-UE, kien hemm żieda ta' 150% fin-numru ta' referenzi, kwotazzjonijiet u użu dirett (49 b'kollox) tax-xogħol tal-Fondazzjoni.

Fl-2005, ix-xogħol tal-Fondazzjoni ġie rikonoxxut f'numru ta' oqsma fuq il-livell ta' l-UE:

- It-temi riflessi fid-dokumenti tal-politika ta' l-UE u li użaw il-kompetenza u l-prodotti tal-Fondazzjoni kienu l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-ristrutturar, is-sessi, id-djalogu soċjali u l-bidla demografika. Ir-'rebbieħ' tematiku ta' l-2005 huwa l-EMCC u b'mod partikolari l-Monitoraġġ Ewropej għar-Ristrutturar (ERM), li l-viżibilità tiegħu żdiedet b'mod sinifikanti fost il-partijiet kollha interessati.

- Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ‘Ir-ristrutturar u l-impjiegi’ talbet b’mod espliċitu li l-Fondazzjoni u l-EMCC jiżviluppaw iktar riżorsi għall-analiżi u l-monitoraġġ kemm kwalitattiv, kif ukoll kwantitattiv, bil-għan li tinbena Fondazzjoni iktar soda għad-dibattitu politiku dwar ir-ristrutturar u r-rilokazzjoni.
- L-utilità tad-dejta ta’ l-ERM u r-riżultati ġew rikonoxxuti fil-laqgħa ministerjali informali tal-Kunsill Ewropew dwar ir-ristrutturar li saret waqt il-Presidenza tal-Lussemburgu;
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ‘It-tisħiħ tal-kompetittività fl-Ewropa: l-effetti tal-bidla industrijali fuq il-politika u r-rwol tal-SMEs’, ġiegħlu lill-Kummissjoni biex titlob lil grupp ta’ esperti biex jagħmlu rapport li jkun ibbażat b’mod sostanzjali fuq l-għarfien tal-Fondazzjoni u ta’ l-SMEs, fuq ir-ristrutturar u d-djalogu soċjali u jippreżentawh lill-Kunsill Ewropew.
- Il-preżentazzjoni tal-Fondazzjoni fil-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew dwar il-‘Bidla demografika fil-perspettiva tal-ħajja’ kienet strumentali sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Fondazzjoni jiġu aċċettati minn uħud mill-MPE; u b’konsegwenza ta’ dan, ġie emendat ir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-*Green Paper* tal-Kummissjoni fuq il-bidla demografika.

## Il-kopertura tal-media

L-istrateġija proattiva ta’ l-istampa, mibnija fuq perjodu ta’ ħames snin ta’ komunikazzjoni regolari mal-ġurnalisti fl-arena soċjo-ekonomika madwar l-Ewropa, tiżgura li x-xogħol u r-riżultati tal-Fondazzjoni jidhru b’mod regolari fil-medja Ewropea. Ġew ippubblikati total ta’ 37 stqarrija uffiċjali bħala parti mix-xogħol ta’ l-istampa fl-2005, u dan wassal għal aktar minn 800 artikolu fil-ġurnali u 10 xandiriet ta’ l-aħbarijiet fuq it-televixin, u 22 intervista u xandiriet ta’ l-aħbarijiet fuq ir-radju.

Saru xi 12–il konferenza stampa u laqgħat għall-għoti ta’ struzzjonijiet lill-ġurnalisti f’postijiet varji ma’ l-Unjoni Ewropea kollha. Kien hemm 180 mistoqsija mill-ġurnalisti matul is-sena, jiġifieri ferm inqas mill-460 tas-sena 2004, u dan kien ir-riżultat ta’ l-organizzazzjoni mill-ġdid tar-rokna għall-istampa fuq il-websajt tal-Fondazzjoni, li tipprovdi aċċess aħjar għall-informazzjoni.

Il-maġġoranza ta’ l-artikoli, *features*, intervisti u xandiriet dwar ix-xogħol tal-Fondazzjoni, huma primarjament riżultat ta’ l-attivitajiet ta’ l-istampa tal-Fondazzjoni stess, iżda numru dejjem ikbar qegħdin jużaw ix-xogħol tal-Fondazzjoni bħala referenza. Dan huwa r-riżultat ta’ l-isforz kontinwu tal-Fondazzjoni sabiex issir is-sors ewlieni ta’ għerf fl-Ewropa dwar il-progress soċjo-ekonomiku.

Is-sistema l-ġdida ta’ monitoraġġ tal-medja, li tkejjel l-iskop kif ukoll it-tip ta’ kopertura ta’ artikolu f’gazzetta, turi li d-dehra, ix-xogħol u r-riżultati tal-Fondazzjoni ġew esposti għal xi 12–il miljun persuna matul is-sena. F’diversi okkażjonijiet, ix-xogħol tal-Fondazzjoni deher fl-ewwel paġni ta’ gazzetti ewlenin ta’ kuljum, fosthom *Le Monde* fi Franza, *Aamulehti* fil-Finlandja, *Mlada Fronta Dnes* fir-Repubblika Ċeka u *Wirtschaftblatt* fl-Awstrija. Numru dejjem ikbar ta’ editorjali u rubriki ta’ opinjonijiet qegħdin ukoll jikkwotaw ix-xogħol tal-Fondazzjoni.

Ta’ importanza partikolari għaż-żjieda fl-espożizzjoni tal-Fondazzjoni u tax-xogħol tagħha fil-media kienu l-attivitajiet ta’ l-istampa waqt iż-żjarat nazzjonali fl-Awstrija, fl-Ungerija, fi Spanja, fis-Slovenja, fl-Irlanda u fl-Iżvezja.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta’ l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

## Stediniet għall-attivitajiet esterni

Il-membri tal-personal tal-Fondazzjoni pparteċipaw f'95 attività esterna fl-2005, inkluż 66 każ ta' parteċipazzjoni attiva fejn kienu kelliema jew kienu qed jippresjedu f'sessjonijiet ta' konferenzi. Minn dawn il-każijiet, bejn wieħed u ieħor 25 ġew organizzati mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Ministri u mill-Eurostat, 12 ġew organizzati mill-Ministeri Federali u l-bqija mill-gruppi ta' l-imsieħba soċjali, l-NGOs u l-istituti tar-riċerka. It-tabella hawn taħt turi t-tqassim ta' dawn l-attivitajiet skond it-tema.

*It-temi ta' l-attivitajiet esterni li fihom ipparteċipaw il-membri tal-personal tal-Fondazzjoni*

| **Temi** | **Numru ta' attivitajiet** |
|---|---|
| It-temi kollha | 12 |
| Ir-relazzjonijiet industrijali u s-sħubija | 21 |
| Il-koeżjoni soċjali | 26 |
| L-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol | 9 |
| Il-bilanċ xogħol–ħajja | 11 |
| Ix-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali flimkien | 3 |
| Ir-ristrutturar | 13 |

## Iċ-ċitazzjonijiet akkademiċi

Ħafna mix-xogħol tal-Fondazzjoni, minħabba li jinvolvi r-riċerka tax-xjenza soċjali orjentata lejn il-politika, jidħol fil-qasam akkademiku permezz ta' ġurnali u artikoli fejn jista' jkollu parti fl-iżvilupp ta' ideat u iktar riċerka.

Il-Fondazzjoni tirreġistra n-numru taċ-ċitazzjonijiet u n-numru ta' ġurnali differenti illi fihom jidhru ċ-ċitazzjonijiet. Minħabba li qatt ma jista' jiġi żgurat li ċ-ċitazzjonijiet kollha jiġu individwati, il-figura totali hija dejjem indikata bħala n-numru minimu. Hija l-prattika normali li ċ-ċitazzjonijiet jiġu reġistrati għal sentejn, minħabba li hemm perjodu twil bejn il-pubblikazzjoni tar-riċerka u ċ-ċirkolazzjoni tagħha fil-pubblikazzjonijiet esterni mifruxa. Huwa importanti wkoll li wieħed ikun jaf kemm spiss il-ġurnali ewlenin qegħdin jikkwotaw ix-xogħol ta' riċerka tal-Fondazzjoni.

### Iċ-ċitazzjonijiet fil-ġurnali

Matul l-2004 u l-2005, ir-riċerka tal-Fondazzjoni ġiet ċitata f'għallinnqas 350 artikolu, ġiet ippubblikata f'220 ġurnal differenti, kif jidher mid-dejtabejżis li ġejjin: Scopus, Social Sciences Citation Index, PsycLIT, Econlit, CSA Sociological Abstracts, CSA Worldwide Political Science Abstracts u Emerald Management Reviews.

Ix-xogħol tal-Fondazzjoni ġie kkwotat f'iktar ġurnali milli fl-14 imniżżla hawn, iżda dawk li għandhom iktar minn erba' ċitazzjonijiet tax-xogħol matul il-perjodu ta' sentejn ta' bejn 2004 u l-2005 biss ġew inklużi.

Il-ġurnali li fihom ix-xogħol tal-Fondazzjoni ġie kkwotat erba' darbiet jew iktar, 2004–5

| **Ġurnal** | **Numru ta' ċitazzjonijiet** |
|---|---|
| European Journal of Industrial Relations | 12 |
| International Journal of Comparative Labour Law and Industrial Relations | 11 |
| Industrial Relations Journal | 11 |
| Economic and Industrial Democracy | 10 |
| Work, Employment and Society | 8 |
| Social Science and Medicine | 7 |
| Journal of Occupational and Environmental Medicine | 6 |
| British Journal of Industrial Relations | 5 |
| Employee Relations | 5 |
| European Journal of Work and Organizational Psychology | 5 |
| Foresight | 5 |
| Journal of Occupational Health Psychology | 5 |
| International Journal of Human Resource Management | 4 |
| International Journal of Occupational and Environmental Health | 4 |

### L-oqsma akkademiċi ewlenin

Metodu ieħor biex jitkejjel l-impatt tal-Fondazzjoni fl-isfera akkademika huwa permezz tal-Fatturi ta' l-Impatt ISI, li jikkonsistu f'54 kategorija differenti ta' xjenza soċjali. Ċitazzjonijiet f'dawn il-kategoriji jagħtu indikazzjoni tal-wisa', tal-profondità u tal-kwalità tal-ġurnali li fihom ġie kkwotat ix-xogħol tal-Fondazzjoni. Il-fatturi ta' l-Impatt ISI ta' l-2004, maħruġa fis-sajf ta' l-2005, urew li r-riċerka tal-Fondazzjoni ġiet ikkwotata f'24 minn 54 kategorija.

L-iktar ċitazzjonijiet frekwenti kienu fil-ġurnali ewlenin f'dawn l-erba' kategoriji: ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjiegi; is-saħħa pubblika, ambjentali u ta' fuq ix-xogħol; il-psikoloġija applikata u s-soċjoloġija.

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

# Attivitajiet ewlenin fl-2005 5

## Kundizzjonijiet ta' Ħajja

**Work–life balance: the strategic perspective (Il-bilanċ bejn ix-xogħol–ħajja: il-perspettiva strateġika)**
8 ta' Marzu, Kopenħagen, id-Danimarka
Organizzat minn CBAF (Iċ-Ċentru għall-bilanċ bejn ix-xogħol–ħajja )
Kelliem: Henrik Litske

**Confronting demographic change: a new solidarity between generations (L-indirizzar tal-bidla demografika: solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet)**
11–12 ta' Lulju, Brussell, il-Belġju
Kummissjoni Ewropea
Relatur: Hubert Krieger

**European Parliament Intergroup on ageing (L-Intergrupp tal-Parlament Ewropew dwar l-anzjanità)**
20 ta' Settembru, Brussell, il-Belġju
Kelliem: Gerlinde Ziniel

**European Federation of Older Persons: 18th international congress (Il-Federazzjoni Ewropea ta' Persuni Anzjani: It-18–il kungress internazzjonali)**
30 ta' Settembru – 1 ta' Ottubru, Ljubljana, is-Slovenja
Organizzat minn EURAG
Il-grupp ta' ħidma ppresedut minn: Robert Anderson

## Relazzjonijiet Industrijali

**Social dialogue and industrial change (Djalogu soċjali u bidla industrijali)**
24 ta' Frar, Brussell, il-Belġju
Werxops ta' l-EESC– CCMI
Kelliema: Isabella Biletta

**Prevention and resolution of conflicts (Il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti)**
22–23 ta' April, Sofija, il-Bulgarija
Konferenza tal-ETUC
Kelliem: Timo Kauppinen

**European social dialogue seminar on undeclared work (Seminar ta' djalogu soċjali Ewropew fuq xogħol mhux dikjarat)**
19 ta' Settembru, Brussell, il-Belġju
Seminar konġunt ETUC/UNICE
Kelliema: Isabella Biletta

**Employee involvement in a globalising world (L-involviment ta' l-impjegat f'dinja globalizzata)**
14–15 ta' Ottubru, Frankfurt, il-Ġermanja
Simpożju Internazzjonali
Kelliem: Stavroula Demetriades

**Social dialogue: different voices, common vision (Djalogu soċjali: vuċijiet differenti, viżjoni komuni)**
17 ta' Novembru, Londra, ir-Renju Unit
Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija
Il-konferenza ġiet organizzata bħala parti mill-presidenza tar-Renju Unit ta' l-UE.
Kelliem: Timo Kauppinen

**Industrial relations in the EU, Japan and USA (Relazzjonijiet Industrijali fl-UE, il-Ġappun u l-Istati Uniti)**
24–25 ta' Novembru, Londra, ir-Renju Unit
Werkxop ta' l-EIRO
Kelliema: Isabella Biletta, David Foden, Stavroula Demetriades

## Kundizzjonijiet tax-Xogħol

**Joint ECE/ILO/Eurostat seminar on the quality of work (Seminar konġunt ta' l-ECE/ILO/Eurostat fuq il-kwalità tal-ħajja)**
11–13 ta' Mejju, Ġinevra, l-Iżvizzera
ECE/ILO/Eurostat
Kelliem: Greet Vermeylen

**Review on harassment/violence at the workplace (Ħarsa mill-ġdid lejn każijiet ta' fastidju / vjolenza fuq il-post tax-xogħol)**
12 ta' Mejju, Brussell, il-Belġju
Seminar konġunt ta' l-imsieħba soċjali ta' l-UE fuq każijiet ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol
Kelliem: John Hurley

**Training and employability (Taħriġ u l-impjegabilità ta' persuni)**
21–22 ta' Ġunju, il-Lussemburgu
Konġunta bejn l-EWCO/il-Presidenza tal-Lussemburgu fl-UE
Kelliema: Willy Buschak, Jean-Michel Miller, Bernard Housett, John Hurley u Greet Vermeylen

**1st international European Survey Research Association conference (L-1 konferenza internazzjonali ta' l-Assoċjazzjoni tar-Riċerka ta' l-Istħarriġ Ewropew)**
18–22 ta' Lulju, Barċellona, Spanja
Assoċjazzjoni tar-Riċerka dwar l-Istħarriġ Ewropew
Kelliem: Enrique Fernandez

**High performance workplaces: because people mean business (Postijiet tax-xogħol ta' rendiment għoli: għax nies ifissru negozju)**
15 ta' Settembru, Londra, ir-Renju Unit
Id-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija, ir-Renju Unit
Kelliem: Enrique Fernandez

**Successes, paradoxes and shortcomings: experiences with recent HRM–reform in the public services (Suċċessi, paradossi u nuqqasijiet: esperjenzi fir-riforma tal-HRM riċenti fis-servizz pubbliku)**
26–27 ta' Settembru, Maastricht, l-Olanda
Seminar ta' l-EIPA seminar
Kelliem: Jean-Michel Miller

 © Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2006

## Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla

**The internationalisation of employment: a challenge for a fair globalisation (L-internazzjonalizzazzjoni ta' l-impjiegi: sfida għal globalizzazzjoni ġusta)**
11–12 ta' April, Annecy, Franza
ILO/Il-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Koeżjoni Soċjali Franċiż
Kelliema: Barbara Gerstenberger

**Plenary meeting of the sectoral social dialogue committee of the fishing industry (Laqgħa plenarja tal-kumitat settorjali tad-djalogu soċjali ta' l-industrija tas-sajd)**
14 ta' Ottubru, Brussell, il-Belġju
Kelliem: Torsten Müller

**1st international conference of MIRE (Managing Innovative Restructuring in Europe) L-1 Konferenza Internazzjonali tal-MIRE (Ġestjoni tar-Ristrutturar Innovattiv fl-Ewropa)**
7–8 ta' Diċembru, Pariġi, Franza
MIRE
Kelliem: Donald Storrie

**Employment in a time of change – technology, location and environment (L-impjiegi fi żmien ta' bidla – it-teknoloġija, il-post u l-ambjent)**
7–8 ta' Diċembru, Brussell, il-Belġju
Il-Grupp Soċjalista tal-Parlament Ewropew
Kelliema: Barbara Gerstenberger

## Ġenerali

**Unity beyond differences: the need for an integrated labour inspection system (L-għaqda 'l hinn mid-differenzi: il-ħtieġa ta' sistema integrata ta' spezzjoni tax-xogħol)**
9–11 ta' Marzu, Mondorf-les-Bains, il-Lussemburgu
ILO/Presidenza tal-Lussemburgu fl-UE
Kelliem: Willy Buschak

**New perspectives of social policy (Perspettivi ġodda tal-politika soċjali)**
8 ta' April, Baden, l-Awstrija
Il-Kamra Federali Awstrijaka tax-Xogħol
Kelliem: Willy Buschak (indirizz ewlieni)

**What's new in the EU?: European information 2005 (X'inhu ġdid fl-UE?: Informazzjoni Ewropea 2005)**
14-15 ta' April, Londra, Ir-Renju Unit
L-Assoċjazzjoni ta' Informazzjoni Ewropea (l-14–il Konferenza Annwali)
Kelliema: Elisabeth Lagerlöf

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

**Rapport Annwali 2005**

2006 – 29 – 21 x 29,7 cm

**EF/06/21/MT**